Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2024/0035(COD)

15.11.2024

EMENDI
377 - 746

Abbozz ta' rapport
Jeroen Lenaers
(PE761.022v01-00)

Il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, u s-sostituzzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (riformulazzjoni)

Proposta għal direttiva
(COM(2024)0060 – C9-0028/2024 – 2024/0035(COD))

Emenda 377
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5a
	Manwali ta' struzzjonijiet dwar kif jitwettqu r-reati elenkati fl-Artikoli 3, 4, 5, 6 u 7
	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba intenzjonata msemmija fil-paragrafi 2 sa 6, meta titwettaq mingħajr dritt, tkun punibbli.
	2. L-akkwist jew il-pussess ta' manwali ta' struzzjonijiet dwar kif tabbuża t-tfal sesswalment għandu jkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.
	3. L-akkwist konxju ta' aċċess, inkluż permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, għal manwal ta' struzzjonijiet dwar kif tabbuża t-tfal sesswalment għandu jkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.
	4. Id-distribuzzjoni, it-tixrid jew it-trażmissjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali u manwali ta' struzzjonijiet dwar kif tabbuża t-tfal sesswalment għandhom ikunu punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.
	5. L-offerta, il-forniment jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u manwali ta' struzzjonijiet dwar kif it-tfal għandhom jiġu abbużati sesswalment għandhom ikunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas sentejn (2).
	6. Il-produzzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u manwali ta' struzzjonijiet dwar kif it-tfal għandhom

jiġu abbużati sesswalment għandhom ikunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas 8 snin.

Or. en

Emenda 378
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal direttiva
Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5a
	Reati li jikkonċernaw il-manwali ta' abbuż sesswali tat-tfal
	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba intenzjonata msemmija fil-paragrafi 2 sa 4, meta titwettaq mingħajr dritt, tkun punibbli.
	2. Id-distribuzzjoni jew it-tixrid ta' manwali ta' struzzjonijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal għandhom ikunu punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.
	3. L-offerta, il-forniment jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' manwali ta' struzzjonijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal għandhom ikunu punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.
	4. Il-produzzjoni ta' manwali ta' struzzjonijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin priġunerija.
	5. Il-paragrafi 7 u 8 tal-Artikolu 5 għandhom japplikaw għall-manwali ta' struzzjonijiet dwar l-abbuż sesswali tat-tfal, mutatis mutandis.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-manwali li jipprovdu struzzjonijiet dwar kif jitwettaq abbuż sesswali tat-tfal (“manwali għall-pedofili”) jenħtieġ li jkunu f’dispożizzjoni separata minflok ma jkunu parti mid-definizzjoni ta’ abbuż sesswali tat-tfal. B’dan il-mod jitqiesu d-differenzi inerenti fil-materjal illeċitu u jiġu evitati konsegwenzi mhux previsti għal atti legali oħrajn li jiddependu mid-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali fid-Direttiva CSA. Il-manwali nfushom mhumiex materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal u m'għandhomx jiġu ttrattati bħala tali, anke jekk il-produzzjoni u d-distribuzzjoni tagħhom hija kriminalizzata. Huwa importanti wkoll li jiġi ċċarat li l-kriminalizzazzjoni tal-għoti ta' "pariri dwar kif għandhom jinstabu, jiġu soġġetti għal grooming u abbużati t-tfal u kif wieħed jista’ jevita li jiġi identifikat u prosegwit" m'għandhiex tkopri parir ġenerali dwar il-privatezza u l-anonimità online u tevita s-sorveljanza li huma essenzjali għall-protezzjoni tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem taċ-ċittadini individwali.

Emenda 379
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5a
	Reati li jikkonċernaw il-manwali ta’ abbuż sesswali tat-tfal
	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba intenzjonata msemmija fil-paragrafi 2 sa 4, meta titwettaq mingħajr dritt, tkun punibbli;
	2. Id-distribuzzjoni jew it-tixrid ta’ manwali ta' struzzjonijiet ta’ abbuż sesswali tat-tfal għandhom ikunu punibbli b’piena massima ta’ mill-inqas sentejn priġunerija;
	3. L-offerta, il-forniment jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta’ manwali ta' struzzjonijiet ta’ abbuż sesswali tat-tfal għandhom ikunu punibbli b’piena massima ta’ mill-inqas sentejn priġunerija;
	4. Il-produzzjoni ta’ manwali ta' struzzjonijiet ta’ abbuż sesswali tat-tfal għandha tkun punibbli b’piena massima ta’ mill-inqas 3 snin priġunerija.

5. Il-paragrafi 7 u 8 tal-Artikolu 5 għandhom japplikaw għall-manwali ta' struzzjonijiet dwar l-abbuż sesswali tat-tfal, mutatis mutandis.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-manwali ta' struzzjonijiet tas-CSA għandhom jiġu indirizzati bħala reat separat biex tiġi evitata l-kriminalizzazzjoni ta' raġunijiet leġittimi possibbli għall-pussess ta' informazzjoni li tinsab f'dawn il-manwali ta' struzzjonijiet (eż. ġurnalisti, riċerkaturi).

Emenda 380
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba intenzjonata mwettqa minn adult li ġejja tkun punibbli kif ġej :	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba intenzjonata mwettqa minn adult ***jew minn pari*** li ġejja tkun punibbli kif ġej :

Or. fr

Emenda 381
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba intenzjonata ***mwettqa minn adult*** li ġejja tkun punibbli kif ġej :	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba intenzjonata li ġejja tkun punibbli kif ġej :

Or. en

Emenda 382

Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***li*** xi ħadd jipproponi **,** permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, biex jiltaqa' ***ma' tfal*** online jew b'mod fiżiku , għall-fini li jwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3(4) , (5), (6) u (7) u l-Artikolu 5(6), ***fejn*** dik il-proposta tkun ġiet segwita minn atti materjali li jwasslu għal tali ***laqgħa, għandha tkun*** punibbli b'piena ta' mill-inqas sena priġunerija;	(a) ***meta*** xi ħadd jipproponi***, inkluż*** permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, biex jiltaqa' ***u/jew jistabbilixxi relazzjoni ma' tfal*** online jew b'mod fiżiku, għall-fini li jwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3(4), (5), (6) u (7)***, l-Artikolu 4*** u l-Artikolu 5(6), ***u*** dik il-proposta tkun ġiet segwita minn atti materjali li jwasslu għal tali ***reati, dan għandu jkun*** punibbli b'piena ta' mill-inqas sena priġunerija;

Or. en

Emenda 383
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***li*** xi ħadd jipproponi **,** permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ***biex jiltaqa' ma' tfal*** online jew b'mod fiżiku , għall-fini li jwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3(4) , (5), (6) u (7) u l-Artikolu 5(6)***, fejn*** dik il-proposta tkun ġiet segwita minn atti materjali li jwasslu għal tali ***laqgħa, għandha tkun*** punibbli b'piena ta' mill-inqas sena priġunerija;	(a) ***meta*** xi ħadd jipproponi***, inkluż*** permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ***biex jistabbilixxi relazzjoni ma' tfal*** online jew b'mod fiżiku, għall-fini li jwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3(4) , (5), (6) u (7)***, l-Artikolu 4*** u l-Artikolu 5(6) ***u l-Artikolu 7, u*** dik il-proposta tkun ġiet segwita minn atti materjali li jwasslu għal tali ***reati, dan għandu jkun*** punibbli b'piena ta' mill-inqas sena priġunerija;

Or. en

Emenda 384
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***li*** xi ħadd jipproponi ***, permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni,*** biex jiltaqa' ma' tfal online jew b'mod fiżiku , għall-fini li jwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3(4) , (5), (6) u (7) u l-Artikolu 5(6), ***fejn*** dik il-proposta tkun ġiet segwita minn atti materjali ***li jwasslu għal tali laqgħa, għandha tkun*** punibbli b'piena ta' mill-inqas sena priġunerija;	(a) ***meta*** xi ħadd jipproponi***,*** biex jiltaqa' ma' tfal online jew b'mod fiżiku, għall-fini li jwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3(4), (5), (6) u (7)***, l-Artikolu 4*** u l-Artikolu 5(6), ***u*** dik il-proposta tkun ġiet segwita minn atti materjali***, dan għandu jkun*** punibbli b'piena ta' mill-inqas sena priġunerija;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għal-loġika interna tat-test.

Emenda 385
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***li*** xi ħadd jipproponi , permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni***, biex jiltaqa' ma' tfal*** online jew b'mod fiżiku , għall-fini li jwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3(4) , (5), (6) u (7) u l-Artikolu 5(6), ***fejn*** dik il-proposta tkun ġiet segwita minn atti materjali li jwasslu għal tali ***laqgħa, għandha tkun*** punibbli b'piena ta' mill-inqas sena priġunerija;	(a) ***meta*** xi ħadd jipproponi, ***inkluż*** permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni ***li jistabbilixxi relazzjoni ma' tfal*** online jew b'mod fiżiku, għall-fini li jwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3(4) , (5), (6) u (7) u l-Artikolu 5(6), ***u*** dik il-proposta tkun ġiet segwita minn atti materjali li jwasslu għal tali ***reati, dan għandu jkun*** punibbli b'piena ta' mill-inqas sena priġunerija;

Or. en

Emenda 386
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***li*** xi ħadd jipproponi , permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, biex jiltaqa' ma' tfal online jew b'mod fiżiku , għall-fini li jwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3(4) , (5), (6) u (7) u l-Artikolu 5(6), ***fejn*** dik il-proposta tkun ġiet segwita minn atti materjali li jwasslu għal tali laqgħa, ***għandha tkun*** punibbli b'piena ta' mill-inqas sena priġunerija;	(a) ***meta*** xi ħadd jipproponi, ***inkluż*** permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, biex jiltaqa' ma' tfal online jew b'mod fiżiku, għall-fini li jwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3(4), (5), (6) u (7) u l-Artikolu 5(6), ***u*** dik il-proposta tkun ġiet segwita minn atti materjali li jwasslu għal tali laqgħa, ***dan għandu jkun*** punibbli b'piena ta' mill-inqas sena priġunerija;

Or. en

Emenda 387
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***li*** xi ħadd jipproponi , permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, biex jiltaqa' ma' tfal online jew b'mod fiżiku , għall-fini li jwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3(4) , (5), (6) u (7) u l-Artikolu 5(6), ***fejn*** dik il-proposta tkun ġiet segwita minn atti materjali li jwasslu għal tali laqgħa, ***għandha tkun*** punibbli b'piena ta' mill-inqas sena priġunerija;	(a) ***meta*** xi ħadd jipproponi, permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, biex jiltaqa' ma' tfal online jew b'mod fiżiku, għall-fini li jwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3(4) , (5), (6) u (7) u l-Artikolu 5(6), ***u*** dik il-proposta tkun ġiet segwita minn atti materjali li ***jistgħu*** jwasslu għal tali laqgħa, ***dan għandu jkun*** punibbli b'piena ta' mill-inqas sena priġunerija;

Or. en

Emenda 388
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu, Şerban-Dimitrie Sturdza, Adrian-George Axinia, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***li*** xi ħadd jipproponi , permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, biex jiltaqa' ma' tfal online jew b'mod fiżiku , għall-fini li jwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3(4) , (5), (6) u (7) u l-Artikolu 5(6), ***fejn*** dik il-proposta tkun ġiet segwita minn atti materjali li jwasslu għal tali laqgħa, ***għandha tkun*** punibbli b'piena ta' mill-inqas ***sena*** priġunerija;	(a) ***meta*** xi ħadd jipproponi, permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, biex jiltaqa' ma' tfal online jew b'mod fiżiku, għall-fini li jwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3(4) , (5), (6) u (7) u l-Artikolu 5(6), ***u*** dik il-proposta tkun ġiet segwita minn atti materjali li jwasslu għal tali laqgħa, ***dan għandu jkun*** punibbli b'piena ta' mill-inqas ***sentejn*** priġunerija;

Or. ro

Emenda 389
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi, András László

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***li*** xi ħadd jipproponi , permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, biex jiltaqa' ma' tfal online jew b'mod fiżiku , għall-fini li jwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3(4) , (5), (6) u (7) ***u*** l-Artikolu 5(6), ***fejn*** dik il-proposta tkun ġiet segwita minn atti materjali li jwasslu għal tali laqgħa, ***għandha tkun*** punibbli b'piena ta' mill-inqas sena priġunerija;	(a) ***meta*** xi ħadd jipproponi, permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, biex jiltaqa' ma' tfal online jew b'mod fiżiku, għall-fini li jwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3(4) , (5), (6) u (7)***, jew*** l-Artikolu 5(6), ***u*** dik il-proposta tkun ġiet segwita minn atti materjali li jwasslu għal tali laqgħa, ***dan għandu jkun*** punibbli b'piena ta' mill-inqas sena priġunerija;

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Iż-żamma tal-konġunzjoni "u" tkun tfisser li l-produzzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal dejjem ikollha tkun parti mill-iskop tal-laqgħat proposti li huma s-suġġett ta' dan l-artikolu, jekk l-intenzjoni tkun li tali proposti jkunu punibbli. Iżda ovvjament huma proposti bl-intenzjoni li jitwettaq kwalunkwe wieħed mir-reati kkonċernati li rridu nikkastigaw.

Emenda 390

Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) L-imġiba msemmija fl-ewwel subparagrafu ma tkoprix relazzjonijiet kunsenswali bejn il-pari li jkunu qrib fl-età u l-livell ta' żvilupp u maturità psikoloġiċi u fiżiċi, dment li ma jkun hemm l-ebda element ta' koerċizzjoni, abbuż ta' fiduċja jew dipendenza bejn il-pari;

Or. en

Emenda 391
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu, Şerban-Dimitrie Sturdza, Adrian-George Axinia, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) L-imġiba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas ***sentejn*** meta jsir użu minn ***imġiba ta'*** ġegħil, forza jew theddid.	(b) L-imġiba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas ***5 snin*** meta jsir użu minn ġegħil, forza jew theddid.

Or. ro

Emenda 392
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li ***kull*** tentattiv	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li tentattiv**,**

permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, għall-kommissjoni tar-reati previsti fl-Artikolu 5(2) u (3) minn adult li jissollečita tfal għall-għoti ***ta'*** materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ikun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' 6 xhur .	***inkluż*** permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, għall-kommissjoni tar-reati previsti fl-Artikolu 5(2) u (3) minn adult li jissollečita tfal għall-għoti ***ta'*** materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ikun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' 6 xhur.

Or. en

Emenda 393
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu, Şerban-Dimitrie Sturdza, Adrian-George Axinia, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li ***kull*** tentattiv permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, għall-kommissjoni tar-reati previsti fl-Artikolu 5(2) u (3) minn adult li jissollečita tfal għall-għoti ***ta'*** materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ikun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' ***6 xhur*** .	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li tentattiv**,** permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, għall-kommissjoni tar-reati previsti fl-Artikolu 5(2) u (3) minn adult li jissollečita tfal għall-għoti ***ta'*** materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ikun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' ***sena (1)***.

Or. ro

Emenda 394
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li ***kull tentattiv*** permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, għall-kommissjoni tar-reati previsti fl-Artikolu 5(2) u (3) ***minn adult*** li jissollečita tfal għall-għoti ***ta'***	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li ***tentattiv, inkluż*** permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, għall-kommissjoni tar-reati previsti fl-Artikolu 5(2) u (3) li jissollečita tfal għall-għoti

materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal ikun punibbli b’terminu massimu ta’ priġunerija ta’ 6 xhur .	***ta’*** materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal ikun punibbli b’terminu massimu ta’ priġunerija ta’ 6 xhur.

Or. en

Emenda 395
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li ***kull*** tentattiv permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, għall-kommissjoni tar-reati previsti fl-Artikolu 5(2) u (3) ***minn adult*** li jissolleċita tfal għall-għoti ***ta’*** materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal ikun punibbli b’terminu massimu ta’ priġunerija ta’ 6 xhur .	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li tentattiv**,** permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, għall-kommissjoni tar-reati previsti fl-Artikolu 5(2) u (3) li jissolleċita tfal għall-għoti ***ta’*** materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal ikun punibbli b’terminu massimu ta’ priġunerija ta’ 6 xhur.

Or. en

Emenda 396
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Birgit Sippel, Sandro Ruotolo

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-imġiba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun punibbli b’terminu massimu ta’ priġunerija ta’ mill-inqas sena (1) meta jsir użu minn ***ġegħil***, forza jew theddid.	L-imġiba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun punibbli b’terminu massimu ta’ priġunerija ta’ mill-inqas sena (1) meta jsir użu minn ***koerċizzjoni***, forza jew theddid***, inkluża t-theddida tal-kondiviżjoni jew it-tixrid ta’ materjali intimi jew manipulati***.

Or. en

Emenda 397
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu, Şerban-Dimitrie Sturdza, Adrian-George Axinia, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-imġiba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas ***sena (1)*** meta jsir użu minn ġegħil, forza jew theddid.	L-imġiba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas ***sentejn u nofs*** meta jsir użu minn ġegħil, forza jew theddid.

Or. ro

Emenda 398
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li ***kull*** tentattiv, permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, ***biex persuna twettaq ir-reati*** previsti fl-Artikolu 4(2) u (5) minn adult li jġiegħel lit-tfal jipparteċipaw fi prestazzjonijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal u sfruttament ***permezz tal-prostituzzjoni*** huwa punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas 6 xhur.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li tentattiv, ***inkluż*** permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, ***għall-kommissjoni tar-reati*** previsti fl-Artikolu 4(2) u (5) minn adult li jġiegħel lit-tfal jipparteċipaw fi prestazzjonijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal u sfruttament ***sesswali*** huwa punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas 6 xhur.

Or. en

Emenda 399
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu, Şerban-Dimitrie Sturdza, Adrian-George Axinia, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li ***kull*** tentattiv, permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, ***biex persuna twettaq ir-reati*** previsti fl-Artikolu 4(2) u (5) minn adult li jġiegħel lit-tfal jipparteċipaw fi prestazzjonijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal u sfruttament permezz tal-prostituzzjoni huwa punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas ***6 xhur***.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li tentattiv, permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, ***għall-kommissjoni tar-reati*** previsti fl-Artikolu 4(2) u (5) minn adult li jġiegħel lit-tfal jipparteċipaw fi prestazzjonijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal u sfruttament permezz tal-prostituzzjoni huwa punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas ***sena (1)***.

Or. ro

Emenda 400
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li ***kull*** tentattiv, permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, biex persuna twettaq ir-reati previsti fl-Artikolu 4(2) u (5) ***minn adult li jġiegħel*** lit-tfal jipparteċipaw fi prestazzjonijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal u sfruttament permezz tal-prostituzzjoni huwa punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas 6 xhur.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li tentattiv, ***inkluż*** permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, biex persuna twettaq ir-reati previsti fl-Artikolu 4(2) u (5) ***u ġġiegħel*** lit-tfal jipparteċipaw fi prestazzjonijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal u sfruttament permezz tal-prostituzzjoni huwa punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas 6 xhur.

Or. en

Emenda 401
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri

neċessarji sabiex jiżguraw li ***kull*** tentattiv, permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, biex persuna twettaq ir-reati previsti fl-Artikolu 4(2) u (5) ***minn adult li jġiegħel*** lit-tfal jipparteċipaw fi prestazzjonijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal u sfruttament ***permezz tal-prostituzzjoni*** huwa punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas 6 xhur.	neċessarji sabiex jiżguraw li tentattiv, ***inkluż*** permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, biex persuna twettaq ir-reati previsti fl-Artikolu 4(2) u (5) ***u ġġiegħel*** lit-tfal jipparteċipaw fi prestazzjonijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal u sfruttament ***sesswali*** huwa punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas 6 xhur.

Or. en

Emenda 402
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li ***kull*** tentattiv, permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, ***biex persuna twettaq ir-reati*** previsti fl-Artikolu 4(2) u (5) minn adult li jġiegħel lit-tfal jipparteċipaw fi prestazzjonijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal u ***sfruttament permezz tal-prostituzzjoni*** huwa punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas 6 xhur.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li tentattiv, permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, ***għall-kommissjoni tar-reati*** previsti fl-Artikolu 4(2) u (5) minn adult li jġiegħel lit-tfal jipparteċipaw fi prestazzjonijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal u ***prostituzzjoni*** huwa punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas 6 xhur.

Or. en

Emenda 403
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jinvestigaw minnufih tentattivi ta' sollečitazzjoni tat-tfal għal finijiet sesswali. L-Istati Membri għandhom

	jiżguraw li t-tfal vittmi ta' tali tentattivi ta' sollečitazzjoni jiġu riferuti b'mod effettiv lis-servizzi ta' appoġġ rilevanti għall-assistenza u l-protezzjoni.

Or. en

Emenda 404
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu, Şerban-Dimitrie Sturdza, Adrian-George Axinia, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-imġiba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas ***sena (1)*** meta jsir użu minn ġegħil, forza jew theddid.	L-imġiba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas ***sentejn u nofs*** meta jsir użu minn ġegħil, forza jew theddid.

Or. ro

Emenda 405
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jinvestigaw minnufih tentattivi ta' sollečitazzjoni tat-tfal għal finijiet sesswali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi ta' tali tentattivi ta' sollečitazzjoni jiġu riferuti b'mod effettiv lis-servizzi ta' appoġġ rilevanti għall-assistenza u l-protezzjoni.

Or. en

Emenda 406
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sollečitazzjoni ta' abbuż sesswali	Sollečitazzjoni ***għat-twettiq*** ta' abbuż ***jew sfruttament*** sesswali ***inkluż streaming dirett***

Or. en

Emenda 407
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sollečitazzjoni ta' abbuż sesswali	***Inċitament lil xi ħadd biex iwettaq*** abbuż ***u sfruttament*** sesswali ***tat-tfal***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika tat-titlu tal-Artikolu għal fehim aħjar

Emenda 408
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sollečitazzjoni ta' abbuż sesswali	***Inċitament lil xi ħadd biex iwettaq*** abbuż ***u sfruttament*** sesswali ***tat-tfal***

Or. en

Emenda 409

Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Birgit Sippel

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sollečitazzjoni ***ta'*** abbuż sesswali	Sollečitazzjoni ***biex jitwettaq*** abbuż ***jew sfruttament*** sesswali

Or. en

Emenda 410
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sollečitazzjoni ta' abbuż sesswali	Sollečitazzjoni ta' abbuż ***jew sfruttament*** sesswali ***tat-tfal***

Or. en

Emenda 411
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li meta persuna twiegħed intenzjonalment jew tagħti flus lil kwalunkwe persuna, jew forma oħra ta' remunerazzjoni jew konsiderazzjoni, biex iġġegħelha twettaq kwalunkwe wieħed mir-reati elenkati fl-Artikolu 3(4), (5), (6), (7), u (8), l-Artikolu 4(2) u (3) u l-Artikolu 5(6) tkun punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas 3 snin.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li meta persuna twiegħed intenzjonalment jew tagħti flus lil kwalunkwe persuna, jew forma oħra ta' remunerazzjoni jew konsiderazzjoni, ***inkluż jekk l-imġiba tkun twettqet bl-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni,*** biex iġġegħelha twettaq kwalunkwe wieħed mir-reati elenkati fl-Artikolu 3(4), (5), (6), (7), u (8), l-Artikolu 4(2) u (3) u l-Artikolu 5(6) tkun punibbli

b’piena massima ta’ priġunerija ta’ mill-inqas 3 snin.

Or. en

Emenda 412
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li meta persuna twiegħed intenzjonalment jew tagħti flus lil ***kwalunkwe*** persuna, jew forma oħra ta’ remunerazzjoni jew konsiderazzjoni, ***biex iġġegħelha*** twettaq kwalunkwe wieħed mir-reati elenkati fl-Artikolu 3(4), (5), (6), (7), u (8), l-Artikolu 4(2) u (3) u l-Artikolu 5(6) tkun punibbli b’piena massima ta’ priġunerija ta’ mill-inqas 3 snin.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li meta persuna twiegħed intenzjonalment jew tagħti flus lil ***terza*** persuna, jew forma oħra ta’ remunerazzjoni jew konsiderazzjoni, ***inkluż permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, biex iġġiegħel lil din il-persuna*** twettaq kwalunkwe wieħed mir-reati elenkati fl-Artikolu 3(4), (5), (6), (7), u (8), l-Artikolu 4(2) u (3) u l-Artikolu 5(6) tkun punibbli b’piena massima ta’ priġunerija ta’ mill-inqas 3 snin.

Or. en

Emenda 413
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu, Şerban-Dimitrie Sturdza, Adrian-George Axinia, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li meta persuna twiegħed intenzjonalment jew tagħti flus lil kwalunkwe persuna, jew forma oħra ta’ remunerazzjoni jew konsiderazzjoni, biex iġġegħelha twettaq kwalunkwe wieħed mir-reati elenkati fl-Artikolu 3(4), (5), (6),	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li meta persuna twiegħed intenzjonalment jew tagħti flus lil kwalunkwe persuna, jew forma oħra ta’ remunerazzjoni jew konsiderazzjoni, biex iġġegħelha twettaq kwalunkwe wieħed mir-reati elenkati fl-Artikolu 3(4), (5), (6),

(7), u (8), l-Artikolu 4(2) u (3) u l-Artikolu 5(6) tkun punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas ***3*** snin.	(7), u (8), l-Artikolu 4(2) u (3) u l-Artikolu 5(6) tkun punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas ***5*** snin.

Or. ro

Emenda 414
Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li l-promozzjoni jew it-tifħir pubbliku tar-reati elenkjati fl-Artikolu 3 sa 9 jkunu punibbli b'terminu ta' priġunerija massimu ta' mill-inqas 3 snin.

Or. en

Emenda 415
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li t-tħaddim jew l-amministrazzjoni intenzjonali ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jkun maħsub biex jiffaċilita ***jew jinkoraġġixxi*** t-twettiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 7 jkun punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas sena (1).	***1.*** L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li t-tħaddim jew l-amministrazzjoni intenzjonali ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jkun maħsub biex jiffaċilita t-twettiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 7 jkun punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas sena (1). ***2. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-eżenzjonijiet mir-responsabbiltà għall-fornituri tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni previsti fl-Artikoli 4 sa 6 tar-Regolament (UE)***

2022/2065 (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jenħtieġ li jiġi ċċarat b'mod espliċitu fit-test li l-offerta ta' servizzi ta' komunikazzjoni privati jew il-parteċipazzjoni fi jew b'xi mod ieħor l-appoġġ għat-tħaddim ta' networks ta' anonimità distribwita u servizzi oħra ta' messaġġi kriptati ma jkunux attività kriminali. Il-formulazzjoni għandha tkun allinjata wkoll mal-premessa 20 tad-DSA.

Emenda 416
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Birgit Sippel

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li t-tħaddim jew l-amministrazzjoni intenzjonali ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jkun maħsub biex jiffaċilita jew jinkoraġġixxi t-twettiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 7 jkun punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas ***sena (1)***.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li t-tħaddim jew l-amministrazzjoni intenzjonali ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jkun maħsub biex jiffaċilita jew jinkoraġġixxi t-twettiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 7 jkun punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas ***10 snin***.

Or. en

Emenda 417
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu, Şerban-Dimitrie Sturdza, Adrian-George Axinia, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li t-tħaddim jew l-amministrazzjoni intenzjonali ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li ***jkun maħsub biex jiffaċilita jew jinkoraġġixxi***	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li t-tħaddim jew l-amministrazzjoni intenzjonali ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li ***jkunu maħsuba biex jiffaċilitaw jew***

t-twettiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 7 ***jkun*** punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas ***sena (1)***.	***jinkoraġġixxu*** t-twettiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 7 ***jkunu*** punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas ***sentejn (2)***.

Or. ro

Emenda 418
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li t-tħaddim jew l-amministrazzjoni intenzjonali ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni ***li jkun maħsub biex jiffaċilita jew jinkoraġġixxi t-twettiq*** ta' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 7 ***jkun*** punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas ***sena (1)***.	***1.*** L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li t-tħaddim jew l-amministrazzjoni intenzjonali ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni ***bl-għan ewlieni li jiffaċilitaw it-twettiq*** ta' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 7 ***jkunu*** punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas ***sentejn (2)***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-premessa 20 tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali (ara wkoll il-ġustifikazzjoni għall-premessa 23a proposta).

Biex tiġi riflessa l-piena għal tipi simili ta' reati fl-Artikolu 5(4) (5) — distribuzzjoni, tixrid, trażmissjoni, offerta, forniment u tqegħid għad-dispożizzjoni tas-CSAM.

Emenda 419
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-eżenzjonijiet mir-responsabbiltà għall-fornituri tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni previsti fl-

Artikoli 4 sa 6 tar-Regolament (UE) 2022/2065 (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kjarifika li l-kriminalizzazzjoni tal-operat tas-servizz tassumi li l-eżenzjonijiet mir-responsabbiltà tad-DSA ma japplikawx.

Emenda 420
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pari jkunu protetti mill-prosekuzzjoni għal attività sesswali kunsenswali u mhux ta' sfruttament, dment li ma jkun hemm l-ebda element ta' koerċizzjoni, abbuż ta' fiduċja jew dipendenza bejn il-pari;

Or. en

Emenda 421
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri li jiddeċiedu jekk*** l-Artikolu 3(2) u (4) ***japplikax*** għal attivitajiet sesswali kunsenswali bejn il-pari, sa fejn l-atti ma ***kinux*** jinvolvu abbuż.	1. L-Artikolu 3(2) u (4) ***ma għandux japplika*** għal attivitajiet sesswali kunsenswali bejn il-pari, sa fejn l-atti ma ***kienu*** jinvolvu ***l-ebda*** abbuż.

Or. en

Emenda 422
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati*** Membri ***li jiddeċiedu jekk*** l-Artikolu 3(2) ***u (4) japplikax*** għal attivitajiet sesswali kunsenswali bejn il-pari, sa fejn l-atti ma ***kinux*** jinvolvu abbuż.	1. ***L-Istati*** Membri ***għandhom jiżguraw li*** l-Artikolu 3(2)***, (4) u (7) ma japplikawx*** għal attivitajiet sesswali kunsenswali bejn il-pari, sa fejn l-atti ma ***kienu*** jinvolvu ***l-ebda*** abbuż ***jew kwalunkwe att ieħor li jikkostitwixxi vjolenza sesswali***.

Or. en

Emenda 423
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati*** Membri ***li jiddeċiedu jekk*** l-Artikolu 3(2) ***u (4) japplikax*** għal attivitajiet sesswali kunsenswali bejn il-pari, ***sa fejn l-atti ma kinux jinvolvu*** abbuż.	1. ***L-Istati*** Membri ***għandhom jiżguraw li*** l-Artikolu 3(2)***, (4) u (7) ma japplikawx*** għal attivitajiet sesswali kunsenswali bejn il-pari, ***dment li ma jkun hemm l-ebda element ta' koerċizzjoni,*** abbuż ***ta' fiduċja jew dipendenza bejn il-pari***.

Or. en

Emenda 424
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Birgit Sippel

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. ***Għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati*** Membri ***li jiddeċiedu jekk*** l-Artikolu 3(2) u (4) ***japplikax*** għal attivitajiet sesswali kunsenswali bejn il-pari, sa fejn l-atti ma ***kinux*** jinvolvu abbuż.	1. ***L-Istati*** Membri ***għandhom jiżguraw li*** l-Artikolu 3(2) u (4) ***ma għandux japplika*** għal attivitajiet sesswali kunsenswali bejn il-pari, sa fejn l-atti ma ***kienu*** jinvolvu ***l-ebda*** abbuż.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-konsistenza mal-emenda fl-Artikolu 10(4).

Emenda 425
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pari jkunu protetti mill-prosekuzzjoni għal attività sesswali kunsenswali, mhux ta' sfruttament, dment li ma jkun hemm l-ebda element ta' koerċizzjoni, abbuż ta' fiduċja jew dipendenza involuta bejniethom.

Or. en

Emenda 426
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pari ma jiġux kriminalizzati għal attività sesswali kunsenswali u mhux ta' sfruttament, dment li ma jkun hemm l-ebda element ta' koerċizzjoni, abbuż ta' fiduċja jew dipendenza bejn il-pari.

Or. en

Emenda 427
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri li jiddeċiedu jekk l-Artikolu 4(4) japplikax*** għal prestazzjoni ***li*** ssir fil-kuntest ta' relazzjonijiet kunsenswali fejn it-tfal ikunu laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew bejn il-pari , sa fejn l-atti ma jinvolvux xi abbuż jew sfruttament u l-ebda flus jew forom oħra ta' rimunerazzjoni jew konsiderazzjoni ma jingħataw bħala ħlas għall-prestazzjoni .	2. ***L-Artikolu 4(4) ma għandux japplika*** għal prestazzjoni ***li*** ssir fil-kuntest ta' relazzjonijiet kunsenswali fejn it-tfal ikunu laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew bejn il-pari, sa fejn l-atti ma jinvolvux xi abbuż jew sfruttament u l-ebda flus jew forom oħra ta' rimunerazzjoni jew konsiderazzjoni ma jingħataw bħala ħlas għall-prestazzjoni .

Or. en

Emenda 428
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri li jiddeċiedu jekk l-Artikolu 4(4)*** japplikax għal prestazzjoni ***li*** ssir fil-kuntest ta' relazzjonijiet kunsenswali fejn it-tfal ikunu laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew bejn il-pari , sa fejn l-atti ma jinvolvux xi abbuż jew sfruttament u l-ebda flus jew forom oħra ta' rimunerazzjoni jew konsiderazzjoni ma jingħataw bħala ħlas għall-prestazzjoni .	2. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li Artikolu 4(4) ma*** japplikax għal prestazzjoni ***li*** ssir fil-kuntest ta' relazzjonijiet kunsenswali fejn it-tfal ikunu laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew bejn il-pari, sa fejn l-atti ma jinvolvux xi abbuż jew sfruttament u l-ebda flus jew forom oħra ta' rimunerazzjoni jew konsiderazzjoni ma jingħataw bħala ħlas għall-prestazzjoni .

Or. en

Emenda 429
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-

Sahlani, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri li jiddeċiedu jekk l-Artikolu 4(4)*** japplikax għal prestazzjoni ***li*** ssir fil-kuntest ta' relazzjonijiet kunsenswali fejn it-tfal ikunu laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew bejn il-pari , sa fejn l-atti ma jinvolvux xi abbuż jew sfruttament u l-ebda flus jew forom oħra ta' rimunerazzjoni jew konsiderazzjoni ma jingħataw bħala ħlas għall-prestazzjoni .	2. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li Artikolu 4(4) ma*** japplikax għal prestazzjoni ***li*** ssir fil-kuntest ta' relazzjonijiet kunsenswali fejn it-tfal ikunu laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew bejn il-pari, sa fejn l-atti ma jinvolvux xi abbuż jew sfruttament u l-ebda flus jew forom oħra ta' rimunerazzjoni jew konsiderazzjoni ma jingħataw bħala ħlas għall-prestazzjoni .

Or. en

Emenda 430
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Birgit Sippel

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri li jiddeċiedu jekk l-Artikolu 4(4) japplikax*** għal prestazzjoni ***li*** ssir fil-kuntest ta' relazzjonijiet kunsenswali fejn it-tfal ikunu laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew bejn il-pari , sa fejn l-atti ma jinvolvux xi abbuż jew sfruttament u l-ebda flus jew forom oħra ta' rimunerazzjoni jew konsiderazzjoni ma jingħataw bħala ħlas għall-prestazzjoni .	2. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li Artikolu 4(4) ma għandux japplika*** għal prestazzjoni ***li*** ssir fil-kuntest ta' relazzjonijiet kunsenswali fejn it-tfal ikunu laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew bejn il-pari, sa fejn l-atti ma jinvolvux xi abbuż jew sfruttament u l-ebda flus jew forom oħra ta' rimunerazzjoni jew konsiderazzjoni ma jingħataw bħala ħlas għall-prestazzjoni .

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-konsistenza mal-emenda fl-Artikolu 10(4).

Emenda 431
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
isfruttament sesswali għall-involviment tagħhom f'attivitajiet kriminali li ġew sfurzati jwettqu bħala konsegwenza diretta tal-fatt li jkunu suġġetti għal xi wieħed mill-atti li hemm riferiment għalihom fl-Artikolu 4(2), (3), (5) u (6), u fl-Artikolu 5 (4), (5) u (6).	sesswali għall-involviment tagħhom f'attivitajiet kriminali li ġew sfurzati jwettqu bħala konsegwenza diretta tal-fatt li jkunu suġġetti għal xi wieħed mill-atti li hemm riferiment għalihom fl-Artikolu 4(2), (3), (5) u (6), u fl-Artikolu 5 (4), (5) u (6).

Or. en

Emenda 490
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipji bażiċi tas-sistemi legali tagħhom, għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***jkunu intitolati li ma jipproċedux jew jimponu*** sanzjonijiet kontra t-tfal vittmi tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali għall-involviment tagħhom f'attivitajiet kriminali li ġew sfurzati jwettqu bħala konsegwenza diretta tal-fatt li jkunu suġġetti għal xi wieħed mill-atti li hemm riferiment għalihom fl-Artikolu 4(2), (3), (5) u (6), u fl-Artikolu 5 (4), (5) u (6).	L-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipji bażiċi tas-sistemi legali tagħhom, għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***ma jwettqux prosekuzzjoni jew ma jimponux*** sanzjonijiet kontra t-tfal vittmi tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali għall-involviment tagħhom f'attivitajiet kriminali li ġew sfurzati jwettqu bħala konsegwenza diretta tal-fatt li jkunu suġġetti għal xi wieħed mill-atti li hemm riferiment għalihom fl-Artikolu 4(2), (3), (5) u (6), u fl-Artikolu 5 (4), (5) u (6).

Or. en

Emenda 491
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Investigazzjoni u prosekuzzjoni ***u perjodi ta' limitazzjoni***	Investigazzjoni u prosekuzzjoni

Or. en

Emenda 492
Assita Kanko

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jistabbilixxu jew iżommu unitajiet u servizzi speċjalizzati ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati msemmija f'din id-Direttiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bl-istess mod bħal f'oqsma oħra ta' kriminalità, sabiex tkun effettiva biżżejjed huwa meħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu jew iżommu unitajiet speċjalizzati biex jittrattaw ir-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva.

Emenda 493
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3, l-Artikolu 4(2), (3), (5), (6) u (7) , ta' kull reat gravi msemmi fl-Artikolu 5(6) meta jkun intuża l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal imsemmi fl-Artikolu 2 , il-punti (3)(a) u (b) , u ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 7 u 8 , għal żmien suffiċjenti wara li l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri u li hu proporzjonat mal-gravità tar-reat	***imħassar***

ikkonċernat.

Or. en

Emenda 494
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3, l-Artikolu 4(2), (3), (5), (6) ***u (7)*** , ***ta' kull reat gravi msemmi*** fl-Artikolu 5(6) meta jkun intuża l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal imsemmi fl-Artikolu 2 , il-punti (3)(a) u (b) , u ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 7 u 8 , għal żmien suffiċjenti wara li l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri u li hu proporzjonat mal-gravità tar-reat ikkonċernat.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3, l-Artikolu 4(2), (3), ***(4),*** (5), (6)***, (7) u (8)***, ***ta' kwalunkwe reat imsemmi*** fl-Artikolu 5(6) meta jkun intuża l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal imsemmi fl-Artikolu 2, il-punti (3)(a) u (b), u ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 7 u 8, għal żmien suffiċjenti wara li l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri ***u lil hinn mill-età medja tal-vittmi fil-mument tal-iżvelar,*** u li hu proporzjonat mal-gravità tar-reat ikkonċernat.

Or. en

Emenda 495
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3, l-Artikolu 4(2), (3), (5), (6) u (7) , ***ta' kull reat gravi msemmi*** fl-Artikolu 5(6) meta jkun intuża l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal imsemmi fl-Artikolu 2 , il-punti (3)(a) u (b) , u ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 7 u 8 , għal żmien	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3, l-Artikolu 4(2), (3), (5), (6) u (7), ***ta' kwalunkwe reat imsemmi*** fl-Artikolu 5(6) meta jkun intuża l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal imsemmi fl-Artikolu 2, il-punti (3)(a) u (b), u ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 7 u 8, għal żmien

suffiċjenti ***wara li l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri u li hu proporzjonat mal-gravità tar-reat ikkonċernat***.	suffiċjenti ***biex jiggarantixxi id-dritt ta' kull vittma li jkollha aċċess għall-ġustizzja mill-inqas sa wara li l-vittma tkun laħqet l-età ta' 53 sena***.

Or. en

Emenda 496
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3, l-Artikolu 4(2), (3), (5), (6) ***u (7)*** , ***ta' kull reat gravi msemmi*** fl-Artikolu 5(6) meta jkun intuża l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal imsemmi fl-Artikolu 2 , il-punti (3)(a) u (b) , u ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 7 u 8 , għal żmien suffiċjenti ***wara li l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri u li hu proporzjonat mal-gravità tar-reat ikkonċernat***.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3, l-Artikolu 4(2), (3), ***(4),*** (5), (6)***, (7) u (8)***, ***ta' kwalunkwe reat imsemmi*** fl-Artikolu 5(6) meta jkun intuża l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal imsemmi fl-Artikolu 2, il-punti (3)(a) u (b), u ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 7 u 8, għal żmien suffiċjenti ***biex jiggarantixxi id-dritt ta' kull vittma li jkollha aċċess għall-ġustizzja u mill-inqas sa meta l-vittma tilħaq l-età ta' 58 sena***.

Or. en

Emenda 497
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan il-perjodu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun: ***(a) mill-inqas 20 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin***	***imħassar***

priġunerija;

(b) mill-inqas 25 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin priġunerija;

(c) mill-inqas 30 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija.

Or. en

Emenda 498
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan il-perjodu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun***:***	Dan il-perjodu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun ***mill-inqas 40 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri.***
	Il-perjodu ta' żmien imsemmi fit-tieni subparagrafu għandu jiġi interrott bi kwalunkwe att li jibda l-proċedimenti ġudizzjarji jew kwalunkwe proċediment sussegwenti għar-reati elenkati fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, imwettaq kontra l-istess trasgressur.
	Jekk it-trasgressur iwettaq reat ieħor elenkat fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' limitazzjoni, il-perjodu ta' limitazzjoni tar-reat inizjali jiġi estiż sad-data li fiha jiskadi l-perjodu ta' limitazzjoni għar-reat il-ġdid.

Or. en

Emenda 499

Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) mill-inqas 20 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin priġunerija;	***imħassar***

Or. en

Emenda 500
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) mill-inqas ***20*** sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri ***għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin priġunerija***;	(a) mill-inqas ***35*** sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri;

Or. en

Emenda 501
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Birgit Sippel

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) mill-inqas ***20*** sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin priġunerija;	(a) mill-inqas ***30*** sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin priġunerija;

Or. en

Emenda 502
Assita Kanko

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) mill-inqas ***20*** sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin priġunerija;	(a) mill-inqas ***30*** sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin priġunerija;

Or. en

Emenda 503
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) mill-inqas ***20*** sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin priġunerija;	(a) mill-inqas ***40*** sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin priġunerija;

Or. en

Emenda 504
András László

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***mill-inqas 20 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin priġunerija***;	(a) ***l-istatut ta' limitazzjonijiet ma jiskadix għal reati ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali ta' minorenni, kif previst f'din id-Direttiva***;

Or. hu

Ġustifikazzjoni

Qatt ma nistgħu nkunu stretti biżżejjed fir-rigward tal-protezzjoni tat-tfal, u għalhekk kwalunkwe reat sesswali kriminali mwettaq kontra t-tfal għandu jkun soġġett għall-aktar pieni severi.

Emenda 505
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) mill-inqas 25 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin priġunerija;	***imħassar***

Or. en

Emenda 506
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) mill-inqas 25 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin priġunerija;	***imħassar***

Or. en

Emenda 507
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva

Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) mill-inqas 25 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin priġunerija;	***imħassar***

Or. en

Emenda 508
András László

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) mill-inqas 25 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin priġunerija;	***imħassar***

Or. hu

Emenda 509
Assita Kanko

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) mill-inqas ***25*** sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin priġunerija***;***	(b) mill-inqas ***35*** sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin priġunerija***.***

Or. en

Emenda 510

Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Birgit Sippel

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) mill-inqas ***25*** sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin priġunerija***;***	(b) mill-inqas ***35*** sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin priġunerija***.***

Or. en

Emenda 511
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) mill-inqas 30 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija.	***imħassar***

Or. en

Emenda 512
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) mill-inqas 30 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija.	***imħassar***

Or. en

Emenda 513
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) mill-inqas 30 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija.	***imħassar***

Or. en

Emenda 514
András László

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) mill-inqas 30 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija.	***imħassar***

Or. hu

Emenda 515
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Birgit Sippel

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) mill-inqas ***30*** sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-	(c) mill-inqas ***40*** sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-

reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija.	reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija.

Or. en

Emenda 516
Assita Kanko

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) mill-inqas ***30*** sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija.	(c) mill-inqas ***40*** sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija.

Or. en

Emenda 517
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) mill-inqas 40 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 10 snin priġunerija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara wkoll l-Artikolu 23(3)(d) (ġdid)

Emenda 518
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-perjodu ta' żmien imsemmi fit-tieni subparagrafu għandu jiġi interrott bi kwalunkwe att li jibda l-proċedimenti ġudizzjarji jew kwalunkwe proċediment sussegwenti għar-reati elenkati fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, imwettaq fil-konfront tal-istess trasgressur.

Or. en

Emenda 519
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Jekk it-trasgressur iwettaq reat ieħor elenkat fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' limitazzjoni, il-perjodu ta' limitazzjoni tar-reat inizjali jiġi estiż sad-data li fiha jiskadi l-perjodu ta' limitazzjoni għar-reat il-ġdid.

Or. en

Emenda 520
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-għodod investigattivi, bħal dawk li	3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-għodod investigattivi, bħal dawk li

jintużaw f'każijiet ta' kriminalità organizzata jew ta' kriminalità serja oħra, ikunu disponibbli għall-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ***9*** .	jintużaw f'każijiet ta' kriminalità organizzata jew ta' kriminalità serja oħra, ikunu disponibbli għall-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ***9. Fejn xieraq, dawn l-għodod għandhom jinkludu għodod investigattivi speċjali, bħal dawk li jintużaw fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' kriminalità serja, bħall-possibbiltà li jitwettqu investigazzjonijiet undercover, l-użu tal-hekk imsejħa "honeypots", l-interċezzjoni ta' komunikazzjonijiet, sorveljanza sigrieta inkluża sorveljanza elettronika u l-monitoraġġ ta' kontijiet tal-bank jew investigazzjonijiet finanzjarji oħra***.
	Or. en

Emenda 521
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi li jinvestigaw ***u jipprosegwixxu kontra r-reati*** msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ***jkollhom biżżejjed persunal, għarfien espert u għodod investigattivi effettivi biex jinvestigaw u jipprosegwixxu*** b'mod effettiv ***kontra*** tali reati, inkluż dawk imwettqa permezz tal-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, f'konformità mar-regoli applikabbli tal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali. ***Fejn xieraq, dawn l-għodod għandhom jinkludu għodod investigattivi speċjali, bħal dawk li jintużaw fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' kriminalità serja, bħall-possibbiltà li jitwettqu investigazzjonijiet taħt***	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi li jinvestigaw ***ir-reati*** msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ***u jwettqu prosekuzzjoni fil-konfront tagħhom, ikollhom biżżejjed persunal u għarfien espert biex*** b'mod effettiv ***jinvestigaw*** tali reati ***u titwettaq il-prosekuzzjoni***, inkluż ***għal*** dawk imwettqa permezz tal-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, f'konformità mar-regoli applikabbli tal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali.

kopertura.

Or. en

Emenda 522
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi li jinvestigaw ***u jipprosegwixxu kontra r-reati*** msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ***jkollhom*** biżżejjed persunal, għarfien espert u għodod investigattivi effettivi biex ***jinvestigaw u jipprosegwixxu*** b'mod effettiv ***kontra*** tali reati, inkluż dawk imwettqa permezz tal-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, f'konformità mar-regoli applikabbli tal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali. ***Fejn xieraq,*** dawn l-għodod għandhom jinkludu ***għodod investigattivi speċjali, bħal dawk li jintużaw fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' kriminalità serja, bħall-possibbiltà li jitwettqu investigazzjonijiet taħt kopertura***.	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi li jinvestigaw ***ir-reati*** msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ***u jwettqu prosekuzzjoni fil-konfront tagħhom, ikollhom*** biżżejjed persunal, għarfien espert u għodod investigattivi effettivi biex b'mod effettiv ***jinvestigaw*** tali reati ***u titwettaq il-prosekuzzjoni***, inkluż ***għal*** dawk imwettqa permezz tal-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, f'konformità mar-regoli applikabbli tal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali. Dawn l-għodod għandhom jinkludu ***pereżempju esperti forensiċi psikoloġiċi u għodod investigattivi speċjali***.

Or. en

Emenda 523
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi li jinvestigaw ***u jipprosegwixxu***	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi li jinvestigaw ***ir-reati*** msemmija

kontra r-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ***jkollhom*** biżżejjed persunal, għarfien espert u għodod investigattivi effettivi biex ***jinvestigaw u jipprosegwixxu*** b'mod effettiv ***kontra*** tali reati, inkluż dawk imwettqa permezz tal-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, f'konformità mar-regoli applikabbli tal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali. ***Fejn xieraq,*** dawn l-għodod għandhom jinkludu għodod investigattivi speċjali, bħal dawk li jintużaw fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' kriminalità serja, bħall-possibbiltà li jitwettqu investigazzjonijiet taħt kopertura.

fl-Artikoli 3 sa 9 ***u jwettqu prosekuzzjoni fil-konfront tagħhom, ikollhom*** biżżejjed persunal, għarfien espert u għodod investigattivi effettivi biex b'mod effettiv ***jinvestigaw*** tali reati ***u titwettaq il-prosekuzzjoni***, inkluż ***għal*** dawk imwettqa permezz tal-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, f'konformità mar-regoli applikabbli tal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali. Dawn l-għodod għandhom jinkludu ***esperti forensiċi psikoloġiċi u, meta xieraq,*** għodod investigattivi speċjali, bħal dawk li jintużaw fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' kriminalità serja, bħall-possibbiltà li jitwettqu investigazzjonijiet taħt kopertura.

Or. en

Emenda 524
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi li jinvestigaw ***u jipprosegwixxu kontra r-reati*** msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ***jkollhom*** biżżejjed persunal, għarfien espert u għodod investigattivi effettivi biex ***jinvestigaw u jipprosegwixxu*** b'mod effettiv ***kontra*** tali reati, inkluż dawk imwettqa permezz tal-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, f'konformità mar-regoli applikabbli tal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali. ***Fejn xieraq,*** dawn l-għodod għandhom jinkludu għodod investigattivi speċjali, bħal dawk li jintużaw fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' kriminalità serja, bħall-possibbiltà li jitwettqu investigazzjonijiet taħt kopertura.	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi li jinvestigaw ***ir-reati*** msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ***u jwettqu prosekuzzjoni fil-konfront tagħhom, ikollhom*** biżżejjed persunal, għarfien espert u għodod investigattivi effettivi biex b'mod effettiv ***jinvestigaw*** tali reati ***u titwettaq il-prosekuzzjoni***, inkluż ***għal*** dawk imwettqa permezz tal-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, f'konformità mar-regoli applikabbli tal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali. Dawn l-għodod għandhom jinkludu ***esperti forensiċi psikoloġiċi u, meta xieraq,*** għodod investigattivi speċjali, bħal dawk li jintużaw fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' kriminalità serja, bħall-possibbiltà li jitwettqu

investigazzjonijiet taħt kopertura.

Or. en

Emenda 525
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 16a
	Perjodi ta' limitazzjoni
	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3, l-Artikolu 4(2), (3), (5), (6) u (7), ta' kwalunkwe reat gravi msemmi fl-Artikolu 5(6) meta jkun intuża l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal imsemmi fl-Artikolu 2, il-punti (3)(a) u (b), u ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 7 u 8, għal żmien suffiċjenti wara li l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri u li hu proporzjonat mal-gravità tar-reat ikkonċernat.
	Dan il-perjodu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun:
	(a) mill-inqas 20 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin priġunerija;
	(b) mill-inqas 25 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin priġunerija.
	(c) mill-inqas 30 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija.

Or. en

Emenda 526
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna li tkun taf jew tissuspetta, b'rieda tajba, li kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa ***9*** ġie kommess, biex tirrapporta dan lis-servizzi kompetenti , mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24]u l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) …/…[25][li jistabbilixxi regoli biex jipprevjeni u jiġġieled l-abbuż sesswali tat-tfal].	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna ***fiżika jew ġuridika*** li tkun taf jew tissuspetta, b'rieda tajba, li kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa ***9*** ġie kommess, biex tirrapporta dan lis-servizzi kompetenti, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) …/…[25] [li jistabbilixxi regoli biex jipprevjeni u jiġġieled l-abbuż sesswali tat-tfal].
[24] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj).	[24] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj).
[25] Ir-Regolament (UE)	[25] Ir-Regolament (UE)

Or. en

Emenda 527
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna li tkun taf jew tissuspetta, b'rieda tajba, li kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa ***9*** ġie kommess, biex tirrapporta dan lis-servizzi kompetenti , mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24]u l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) …/…[25][li jistabbilixxi regoli biex jipprevjeni u jiġġieled l-abbuż sesswali tat-tfal].	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna ***fiżika jew ġuridika*** li tkun taf jew tissuspetta, b'rieda tajba, li kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa ***9*** ġie kommess, biex tirrapporta dan lis-servizzi kompetenti, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) …/…[25] [li jistabbilixxi regoli biex jipprevjeni u jiġġieled l-abbuż sesswali tat-tfal].
[24] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj).	[24] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj).
[25] Ir-Regolament (UE)	[25] Ir-Regolament (UE)

Or. en

Emenda 528
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna li tkun taf jew tissuspetta, b'rieda tajba, li kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa ***9*** ġie kommess, biex tirrapporta dan lis-servizzi kompetenti , mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24]u l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) …/…[25][li jistabbilixxi regoli biex jipprevjeni u jiġġieled l-abbuż sesswali tat-tfal].	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna li tkun taf jew tissuspetta, b'rieda tajba, li kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa ***9*** ġie kommess, biex tirrapporta dan lis-servizzi kompetenti, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) …/…[25] [li jistabbilixxi regoli biex jipprevjeni u jiġġieled l-abbuż sesswali tat-

tfal].

[24] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj).

[24] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj).

[25] Ir-Regolament (UE)

[25] Ir-Regolament (UE)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Arranġamenti lingwistiċi

Emenda 529
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***tal-inqas il-professjonisti*** li jaħdmu f'kuntatt mill-qrib mat-tfal fis-setturi tal-protezzjoni tat-tfal, l-edukazzjoni, il-kura tat-tfal u l-kura tas-saħħa ***jkunu*** obbligati jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti jekk ikollhom raġunijiet raġonevoli biex jemmnu li twettaq jew li ***aktarx*** jitwettaq reat punibbli skont din id-Direttiva.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-professjonisti u l-volontiera kollha*** li jaħdmu f'kuntatt mill-qrib mat-tfal***, inkluż*** fis-setturi tal-protezzjoni tat-tfal, l-edukazzjoni, il-kura tat-tfal u l-kura tas-saħħa***, kif ukoll il-professjonisti legali, l-għalliema u l-edukaturi, l-imħallfin tal-qrati tal-familja u l-uffiċjali tal-pulizija tal-ewwel linja jiġu infurmati u mħarrġa biex jirrikonoxxu l-abbuż. Dawn il-professjonisti u volontiera huma*** obbligati jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti jekk ikollhom raġunijiet raġonevoli biex jemmnu li twettaq jew ***aktarx*** li jitwettaq reat punibbli skont din id-Direttiva***, filwaqt li dejjem jitqies l-aħjar interess tat-tfal***.

Or. en

Emenda 530
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***tal-inqas il-professjonisti*** li jaħdmu f'kuntatt mill-qrib mat-tfal ***fis-setturi tal-protezzjoni tat-tfal, l-edukazzjoni, il-kura tat-tfal u l-kura tas-saħħa*** jkunu obbligati jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti jekk ikollhom raġunijiet raġonevoli biex jemmnu li twettaq jew li aktarx jitwettaq reat punibbli skont din id-Direttiva.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-professjonisti u l-volontiera*** li jaħdmu f'kuntatt mill-qrib mat-tfal jkunu obbligati jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti jekk ikollhom raġunijiet raġonevoli biex jemmnu li twettaq jew li aktarx jitwettaq reat punibbli skont din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 531
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***tal-inqas il-professjonisti*** li jaħdmu f'kuntatt mill-qrib mat-tfal ***fis-setturi tal-protezzjoni tat-tfal, l-edukazzjoni, il-kura tat-tfal u l-kura tas-saħħa*** jkunu obbligati jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti jekk ikollhom raġunijiet raġonevoli biex jemmnu li twettaq jew li aktarx jitwettaq reat punibbli skont din id-Direttiva.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-professjonisti u l-volontiera kollha*** li jaħdmu f'kuntatt mill-qrib mat-tfal jkunu obbligati jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti jekk ikollhom raġunijiet raġonevoli biex jemmnu li twettaq jew li aktarx jitwettaq reat punibbli skont din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 532
Moritz Körner

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tal-inqas il-professjonisti li jaħdmu f'kuntatt mill-qrib mat-tfal fis-setturi tal-protezzjoni tat-tfal, l-edukazzjoni, il-kura tat-tfal u l-kura tas-saħħa ***jkunu obbligati jirrapportaw lill-awtoritajiet*** kompetenti jekk ikollhom raġunijiet raġonevoli biex jemmnu li twettaq jew li aktarx jitwettaq reat punibbli skont din id-Direttiva.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tal-inqas il-professjonisti li jaħdmu f'kuntatt mill-qrib mat-tfal fis-setturi tal-protezzjoni tat-tfal, l-edukazzjoni, il-kura tat-tfal u l-kura tas-saħħa ***jkollhom aċċess rapidu u faċli għall-awtoritajiet*** kompetenti jekk ikollhom raġunijiet raġonevoli biex jemmnu li twettaq jew li aktarx jitwettaq reat punibbli skont din id-Direttiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tobba jeħtiġilhom ikollhom id-dritt li jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti jekk il-benesseri tat-tfal ikun f'riskju. Fl-istess ħin, it-tobba jwissu li l-obbligu li jinfurmaw l-awtoritajiet kompetenti se jkun kontroproduttiv peress li l-ewwel nett se jnaqqas ir-rieda tal-vittmi li jikkuntattjaw tabib.

Emenda 533
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tal-inqas il-professjonisti li jaħdmu f'kuntatt mill-qrib mat-tfal fis-setturi tal-protezzjoni tat-tfal, l-edukazzjoni, ***il-kura tat-tfal u l-kura tas-saħħa*** jkunu obbligati jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti jekk ikollhom raġunijiet raġonevoli biex jemmnu li twettaq jew li aktarx jitwettaq reat punibbli skont din id-Direttiva.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tal-inqas il-professjonisti li jaħdmu f'kuntatt mill-qrib mat-tfal fis-setturi tal-protezzjoni tat-tfal, l-edukazzjoni, ***ir-rikreazzjoni u l-isports, u l-kura tat-tfal*** jkunu obbligati jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti jekk ikollhom raġunijiet raġonevoli biex jemmnu li twettaq jew li aktarx jitwettaq reat punibbli skont din id-Direttiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tħassib li obbligu ta' rapportar għas-settur tal-kura tas-saħħa jista' jipprevjeni lit-tfal milli jirċievu t-trattament mediku meħtieġ. Sabiex tiġi żgurata s-segretezza professjonali, aħna nissuġġerixxu li tinżamm il-possibbiltà u mhux l-obbligu ta' rapportar.

Emenda 534
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-eżistenza ta' mekkaniżmi ta' rapportar aċċessibbli, viżibbli, ċari, faċli għall-utent u sensittivi għall-ġeneru f'konformità mal-istandards ta' kwalità Barnahus. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn il-mekkaniżmi ta' rapportar ikollhom ir-riżorsi xierqa, inkluż f'termini ta' finanzjament u persunal.

Or. en

Emenda 535
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-eżistenza ta' mekkaniżmi ta' rapportar aċċessibbli, viżibbli, ċari, faċli għall-utent u sensittivi għall-ġeneru f'konformità mal-istandards ta' kwalità Barnahus. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn il-mekkaniżmi ta' rapportar ikollhom ir-riżorsi xierqa, inkluż f'termini ta' finanzjament u persunal.

Or. en

Emenda 536
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jeżentaw ***lill-professjonisti*** li jaħdmu ***fis-setturi tal-kura tas-saħħa*** fil-kuntest ta' programmi ddedikati għal persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reat kriminali punibbli skont din id-Direttiva jew ***persuni*** li jibżgħu li jistgħu jwettqu kwalunkwe wieħed mir-reati punibbli skont din id-Direttiva mill-obbligu ta' rapportar previst fil-paragrafu 3.	4. L-Istati Membri għandhom jeżentaw ***lill-persuni*** li jaħdmu fil-kuntest ta' programmi ddedikati għal persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reat kriminali punibbli skont din id-Direttiva jew ***lill-persuni*** li jibżgħu li jistgħu jwettqu kwalunkwe wieħed mir-reati punibbli skont din id-Direttiva mill-obbligu ta' rapportar previst fil-paragrafu 3.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tfittex li tippermetti lill-professjonisti u lill-volontiera li jaħdmu f'setturi għajr dawk strettament tal-kura tas-saħħa (pereżempju l-prevenzjoni jew ir-riferiment għal servizzi xierqa) biex iwettqu il-kompiti tagħhom mingħajr ma jitilfu l-fiduċja tan-nies li jirrikorru għandhom għat-trattament. Inkella, jekk l-assoċjazzjonijiet ikunu obbligati jirrapportaw il-fatti li jsiru jafu bihom, jieqfu jwettqu attività utli peress li n-nies ikkonċernati ma jibqgħux jirrikorru għas-servizzi tagħhom.

Emenda 537
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jeżentaw lill-professjonisti li ***jaħdmu fis-setturi tal-kura tas-saħħa*** fil-kuntest ta' programmi ddedikati għal persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reat kriminali punibbli skont din id-Direttiva jew persuni li jibżgħu li jistgħu jwettqu kwalunkwe	4. L-Istati Membri għandhom jeżentaw lill-professjonisti li ***huma attivi*** fil-kuntest ta' programmi ddedikati għal persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reat kriminali punibbli skont din id-Direttiva jew persuni li jibżgħu li jistgħu jwettqu kwalunkwe wieħed mir-reati punibbli

wieħed mir-reati punibbli skont din id-Direttiva mill-obbligu ta' rapportar prevista fil-paragrafu 3.	skont din id-Direttiva mill-obbligu ta' rapportar prevista fil-paragrafu 3.

Or. en

Emenda 538
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jeżentaw lill-professjonisti li jaħdmu ***fis-setturi tal-kura tas-saħħa*** fil-kuntest ta' programmi ddedikati għal persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reat kriminali punibbli skont din id-Direttiva jew persuni li jibżgħu li jistgħu jwettqu kwalunkwe wieħed mir-reati punibbli skont din id-Direttiva mill-obbligu ta' rapportar prevista fil-paragrafu 3.	4. L-Istati Membri għandhom jeżentaw lill-professjonisti li jaħdmu fil-kuntest ta' programmi ddedikati għal persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reat kriminali punibbli skont din id-Direttiva jew persuni li jibżgħu li jistgħu jwettqu kwalunkwe wieħed mir-reati punibbli skont din id-Direttiva mill-obbligu ta' rapportar prevista fil-paragrafu 3.

Or. en

Emenda 539
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw id-disponibbiltà ta' mekkaniżmi ta' rapportar aċċessibbli, viżibbli, ċari u faċli għall-utent f'konformità mal-istandards ta' kwalità Barnahus.

Or. en

Emenda 540

Milan Uhrík

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. B'appoġġ miċ-Ċentru tal-UE ladarba jiġi stabbilit, l-Istati Membri għandhom joħorġu linji gwida għall-persuni msemmija fil-paragrafu 3 dwar kif jiġi identifikat jekk twettaqx jew huwiex probabbli li jitwettaq reat punibbli skont din id-Direttiva u dwar ir-rapportar lill-awtoritajiet kompetenti. Linji gwida ***bħal dawn*** għandhom jindikaw ukoll kif għandhom jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi.	5. B'appoġġ miċ-Ċentru tal-UE ladarba jiġi stabbilit, l-Istati Membri għandhom joħorġu linji gwida għall-persuni msemmija fil-paragrafu 3 dwar kif jiġi identifikat jekk twettaqx jew huwiex probabbli li jitwettaq reat punibbli skont din id-Direttiva u dwar ir-rapportar lill-awtoritajiet kompetenti. ***Tali*** linji gwida għandhom jindikaw ukoll kif għandhom jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi***, filwaqt li jitqiesu l-prattiki u l-istandards nazzjonali***.

Or. en

Emenda 541
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-eżistenza ta' mekkaniżmi ta' rapportar aċċessibbli, viżibbli, ċari, faċli għall-utent u sensittivi għall-ġeneru f'konformità mal-istandards ta' kwalità Barnahus. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn il-mekkaniżmi ta' rapportar ikollhom ir-riżorsi xierqa, inkluż f'termini ta' finanzjament u persunal.

Or. en

Emenda 542
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minbarra d-drittijiet tal-vittmi meta jagħmlu lment skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/29/UE, u l-Artikolu 5a skont id-Direttiva (UE).../... [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ta' reati], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu jirrapportaw ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ta' din id-Direttiva lill-awtoritajiet kompetenti b'mod faċli u aċċessibbli. Dan għandu jinkludi l-possibbiltà li dawk ir-reati kriminali jiġu rrapportati, u li meta jkun fattibbli tiġi ppreżentata evidenza, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni faċilment aċċessibbli u faċli għall-utent.	1. Minbarra d-drittijiet tal-vittmi meta jagħmlu lment skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/29/UE, u l-Artikolu 5a skont id-Direttiva (UE).../... [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ta' reati], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu jirrapportaw***, permezz ta' mekkaniżmi diversifikati u mhux limitat għall-proċedimenti kriminali,*** ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ta' din id-Direttiva lill-awtoritajiet kompetenti b'mod faċli u aċċessibbli. Dan għandu jinkludi l-possibbiltà li dawk ir-reati kriminali jiġu rrapportati, u li meta jkun fattibbli tiġi ppreżentata evidenza, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni faċilment aċċessibbli u faċli għall-utent.

Or. en

Emenda 543
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minbarra d-drittijiet tal-vittmi meta jagħmlu lment skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/29/UE, u l-Artikolu 5a skont id-Direttiva (UE).../... [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ta' reati], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu	1. Minbarra d-drittijiet tal-vittmi meta jagħmlu lment skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/29/UE, u l-Artikolu 5a skont id-Direttiva (UE).../... [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ta' reati], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu

jirrapportaw ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ta' din id-Direttiva lill-awtoritajiet kompetenti b'mod faċli u aċċessibbli. Dan għandu jinkludi l-possibbiltà li dawk ir-reati kriminali jiġu rrapportati, u li meta jkun fattibbli tiġi ppreżentata evidenza, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni faċilment aċċessibbli u faċli għall-utent.	jirrapportaw***, permezz ta' mekkaniżmi diversifikati,*** ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ta' din id-Direttiva lill-awtoritajiet kompetenti b'mod faċli u aċċessibbli. Dan għandu jinkludi l-possibbiltà li dawk ir-reati kriminali jiġu rrapportati, u li meta jkun fattibbli tiġi ppreżentata evidenza, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni faċilment aċċessibbli u faċli għall-utent.
	Or. en

Emenda 544
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minbarra d-drittijiet tal-vittmi meta jagħmlu lment skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/29/UE, u l-Artikolu 5a skont id-Direttiva (UE).../... [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ta' reati], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu jirrapportaw ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ta' din id-Direttiva lill-awtoritajiet kompetenti b'mod faċli u aċċessibbli. Dan għandu jinkludi l-possibbiltà li dawk ir-reati kriminali jiġu rrapportati, u li meta jkun fattibbli tiġi ppreżentata evidenza, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni faċilment aċċessibbli u faċli għall-utent.	1. Minbarra d-drittijiet tal-vittmi meta jagħmlu lment skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/29/UE, u l-Artikolu 5a skont id-Direttiva (UE).../... [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ta' reati], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu jirrapportaw ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ta' din id-Direttiva lill-awtoritajiet kompetenti b'mod ***liberu, sikur,*** faċli u aċċessibbli. Dan għandu jinkludi l-possibbiltà li dawk ir-reati kriminali jiġu rrapportati, u li meta jkun fattibbli tiġi ppreżentata evidenza, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni faċilment aċċessibbli u faċli għall-utent.
	Or. en

Emenda 545
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw id-disponibbiltà ta' mekkaniżmi ta' rapportar aċċessibbli, viżibbli, ċari u faċli għall-utent f'konformità mal-istandards ta' kwalità Barnahus.

Or. en

Emenda 546
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' rapportar imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu sikuri, kunfidenzjali u mfassla b'mod u ***b'lingwa adattata għat-tfal,*** f'konformità mal-età u l-maturità tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rapportar ma jkunx kundizzjonali fuq il-kunsens tal-ġenituri.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' rapportar imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu ***aċċessibbli, ċari, faċli għall-utent, anonimi,*** sikuri, kunfidenzjali***, disponibbli b'lingwi uffiċjali u mitkellma b'mod wiesa',*** u mfassla b'mod u ***b'lingwaġġ adatti għat-tfal, infurmati dwar it-trawmi u sensittivi għall-ġeneru,*** f'konformità mal-età u l-maturità tagħhom***. L-Istati Membri għandhom jiżguraw informazzjoni u sensibilizzazzjoni xierqa dwar il-proċeduri ta' rapportar u s-servizzi ta' appoġġ disponibbli***. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rapportar ma jkunx kundizzjonali fuq il-kunsens tal-ġenituri.

Or. en

Emenda 547
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva

Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' rapportar imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu sikuri, kunfidenzjali u mfassla b'mod u ***b'lingwa adattata*** għat-tfal, f'konformità mal-età ***u l-maturità*** tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rapportar ma jkunx kundizzjonali fuq il-kunsens tal-ġenituri.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' rapportar imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu ***aċċessibbli, diversifikati,*** sikuri, kunfidenzjali***, disponibbli b'lingwi uffiċjali u mitkellma b'mod wiesa',*** u mfassla b'mod u ***b'lingwaġġ adatti*** għat-tfal, f'konformità mal-età***, il-maturità u l-ħtiġijiet u l-kundizzjonijiet speċifiċi*** tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rapportar ma jkunx kundizzjonali fuq il-kunsens tal-ġenituri.

Or. en

Emenda 548
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strutturi interaġenzjali multidixxiplinari xierqa għall-età u l-ħtiġijiet biex jirrispondu għal abbuż sesswali tat-tfal, inkluż meta jitwettaq permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.L-Istati Membri għandhom ukoll iħeġġu u jappoġġaw mekkaniżmi oħra ta' rapportar, inkluż b'mod finanzjarju, b'mod partikolari: ***(a) l-iżvilupp ta' helplines u hotlines apposta, inkluż iżda mhux biss in-numru "116 000" għat-tfal neqsin;*** ***(b) il-ħatra ta' uffiċjali tal-benesseri minn pjattaformi online, imħarrġa b'mod speċifiku biex jirċievu, jivvalutaw u jirrapportaw suspetti ta' abbuż u sfruttament sesswali tat-tfal.*** ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn is-sistemi ta' rapportar ikunu***

integrati bis-sħiħ fis-sistemi nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal.

Or. en

Emenda 549
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom iħeġġu u jappoġġaw mekkaniżmi oħra ta' rapportar, inkluż b'mod finanzjarju, b'mod partikolari:
	(a) l-iżvilupp ta' helplines u hotlines apposta, inkluż iżda mhux biss in-numru "116 000" għat-tfal neqsin;
	(b) il-ħatra ta' uffiċjali tal-benesseri minn pjattaformi online, imħarrġa b'mod speċifiku biex jirċievu, jivvalutaw u jirrapportaw suspetti ta' abbuż u sfruttament sesswali tat-tfal. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn is-sistemi ta' rapportar ikunu integrati bis-sħiħ fis-sistemi nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal.

Or. en

Emenda 550
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-eżistenza ta' mekkaniżmi ta' rapportar aċċessibbli, viżibbli, ċari, faċli għall-utent u sensittivi għall-ġeneru

f'konformità mal-istandards ta' kwalità tal-mudell Barnahus. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn il-mekkaniżmi ta' rapportar ikollhom ir-riżorsi xierqa, inkluż f'termini ta' finanzjament u persunal.

Or. en

Emenda 551
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw informazzjoni u sensibilizzazzjoni xierqa dwar il-proċeduri ta' rapportar u s-servizzi ta' appoġġ disponibbli.

Or. en

Emenda 552
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-mekkaniżmi ta' rapportar ikollhom ir-riżorsi xierqa, inkluż f'termini ta' finanzjament u persunal.

Or. en

Emenda 553
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi

Proposta għal direttiva

Artikolu 18 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti li jiġu f'kuntatt mal-vittmi li jirrapportaw reati ta' abbuż sesswali tat-tfal jew reati ta' sfruttament sesswali ***jkunu*** pprojbiti milli jittrasferixxu data personali relatata mal-istatus ta' residenza tal-vittma lill-awtoritajiet kompetenti tal-migrazzjoni, tal-inqas sat-tlestija tal-ewwel valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni tal-vittmi mwettqa f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/29/UE.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li***, filwaqt li jqisu kif xieraq il-fatt li r-rapportar ta' att li jista' jikkostitwixxi reat kriminali u li l-parteċipazzjoni fi proċedimenti kriminali skont din id-Direttiva ma twassal għall-ebda dritt li jikkonċerna l-istatus ta' residenza tal-vittma, jew ma jkollu l-ebda effett sospensiv għad-determinazzjoni tal-istatus ta' residenza tal-vittma,*** l-awtoritajiet kompetenti li jiġu f'kuntatt mal-vittmi li jirrapportaw reati ta' abbuż sesswali tat-tfal jew reati ta' sfruttament sesswali ***tat-tfal ikunu*** pprojbiti milli jittrasferixxu data personali relatata mal-istatus ta' residenza tal-vittma lill-awtoritajiet kompetenti tal-migrazzjoni, tal-inqas sat-tlestija tal-ewwel valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni tal-vittmi mwettqa f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/29/UE.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Abbozzar allinjat mat-test adottat dwar l-istess suġġett mill-Parlament dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (l-emenda 45 tar-rapport tal-25 ta' Marzu 2024 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI — COM(2023) 0424 — C9–0303/2023–2023/0250 (COD)).

Emenda 554
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti li jiġu f'kuntatt mal-vittmi li jirrapportaw reati ta'	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti li jiġu f'kuntatt mal-vittmi li jirrapportaw reati ta'

abbuż sesswali ***tat-tfal*** jew reati ta' sfruttament sesswali ***jkunu*** pprojbiti milli jittrasferixxu data personali relatata mal-istatus ta' residenza tal-vittma lill-awtoritajiet kompetenti tal-migrazzjoni***, tal-inqas sat-tlestija tal-ewwel valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni tal-vittmi mwettqa f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/29/UE***.	abbuż sesswali jew reati ta' sfruttament sesswali ***tat-tfal ikunu*** pprojbiti milli jittrasferixxu data personali relatata mal-istatus ta' residenza tal-vittma lill-awtoritajiet kompetenti tal-migrazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħolqien ta' ambjent sikur u ta' fiduċja għall-vittmi kollha, irrispettivament mill-istatus ta' residenza tagħhom, biex jirrapportaw abbuż u jfittxu appoġġ jew kura tas-saħħa, huwa essenzjali, mhux biss għad-dinjità u s-sikurezza ta' dik il-vittma, iżda wkoll biex jiżdied iċ-ċans li l-awtur ma jkollux l-opportunità li jerġa' jwettaq reat.

Emenda 555
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-indokraturi primarji, speċifikament l-ommijiet li jagħixxu fl-aħjar interess tat-tfal biex jipprevjenu l-ħsara, ma għandhomx jiffaċċjaw akkużi kriminali jew responsabbiltajiet ċivili għal kwalunkwe azzjoni protettiva meħuda in bona fide biex jipprevjenu jew jirrispondu għal suspett ta' abbuż sesswali tat-tfal. L-azzjonijiet protettivi ma għandhomx ikunu raġunijiet għal kawżi ċivili, inkluż iżda mhux limitat għall-malafama, l-aljenazzjoni, jew l-interferenza fil-kustodja, dment li dawn l-azzjonijiet ikunu ttieħdu bit-twemmin raġonevoli li kienu meħtieġa għas-sikurezza tat-tfal.

Or. en

Emenda 556
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Birgit Sippel

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-trasgressur ikun wieħed miċ-ċittadini tagħhom.	(b) it-trasgressur ikun wieħed miċ-ċittadini ***jew mir-residenti*** tagħhom.

Or. en

Emenda 557
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ġuriżdizzjoni tagħhom tinkludi sitwazzjonijiet fejn reat imsemmi fl-Artikoli 5 , ***6 u 8*** , u sa fejn ikun relevanti, fl-Artikoli 3 ***, 4, 7 u 9*** , jitwettaq permezz ta' teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni aċċessata mit-territorju tagħhom, kemm jekk ***din tinsab fuq it-territorju*** tagħhom, kif ukoll jekk le.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ġuriżdizzjoni tagħhom tinkludi sitwazzjonijiet fejn reat imsemmi fl-Artikoli 5, ***6 u 8***, u sa fejn ikun relevanti, fl-Artikoli 3***, 4, 7 u 9***, jitwettaq permezz ta' teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni aċċessata mit-territorju tagħhom, kemm jekk ***il-fornitur intermedjarju tas-servizzi jkun ibbażat fit-territorju*** tagħhom, kif ukoll jekk le.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Korrezzjoni tal-formulazzjoni għal-loġika tat-test.

Emenda 558
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

4. Għall-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikolu 3(4), (5) , ***(6),*** (7), u (8), l-Artikolu 4(2), (3), (5), (6) u (7) , l-Artikolu 5(6) , l-Artikolu 7 u l-Artikolu 8 meta jkunu twettqu barra mit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, fir-rigward tal-paragrafu 1 , il-punt (b) ta' dan l-Artikolu, kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-ġuriżdizzjoni tiegħu ma tkunx ***subordinata*** għall-kondizzjoni li ***l-atti jkunu*** reat kriminali ***fil-post fejn ikunu saru***.	4. Għall-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikolu 3(4), (5), ***(6),*** (7), u (8), l-Artikolu 4(2), (3), (5), (6) u (7), l-Artikolu 5(6) , l-Artikolu 7 u l-Artikolu 8 meta jkunu twettqu barra mit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, fir-rigward tal-paragrafu 1, il-punt (b) ta' dan l-Artikolu, kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-ġuriżdizzjoni tiegħu ma tkunx ***soġġetta*** għall-kondizzjoni li ***l-imġiba msemmija f'dawk l-Artikolu hija punibbli bħala*** reat kriminali ***fl-Istat fejn tkun twettqet***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Korrezzjoni tal-formulazzjoni għal-loġika tat-test.

Emenda 559
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Għall-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ***9*** meta jkunu twettqu barra mit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, fir-rigward tal-paragrafu 1 , il-punt (b) ta' dan l-Artikolu, kull Stat Membru għandu jieħu l-passi meħtieġa biex jiżgura li l-ġuriżdizzjoni tiegħu ma tkunx ***subordinata*** għall-kondizzjoni li l-prosekuzzjoni tista' tinbeda biss wara rapport li jkun sar mill-vittma fil-post fejn ikun sar ir-reat, jew denunzja mill-Istat tal-post fejn ikun sar ir-reat.	5. Għall-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ***9*** meta jkunu twettqu barra mit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, fir-rigward tal-paragrafu 1, il-punt (b) ta' dan l-Artikolu, kull Stat Membru għandu jieħu l-passi meħtieġa biex jiżgura li l-ġuriżdizzjoni tiegħu ma tkunx ***soġġetta*** għall-kondizzjoni li l-prosekuzzjoni tista' tinbeda biss wara rapport li jkun sar mill-vittma fil-post fejn ikun sar ir-reat, jew denunzja mill-Istat tal-post fejn ikun sar ir-reat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Meħtieġa għall-konsistenza mal-emenda fl-Artikolu 19(4).

Emenda 560
Milan Uhrík

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fejn reat kriminali msemmi fl-Artikoli 3 sa 9 jaqa' fil-ġuriżdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed, dawn l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jiddeterminaw liema Stat Membru għandu jmexxi l-proċedimenti kriminali. ***Meta jkun xieraq u f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/948/ĠAI, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-Eurojust.***	6. Fejn reat kriminali msemmi fl-Artikoli 3 sa 9 jaqa' fil-ġuriżdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed, dawn l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jiddeterminaw liema Stat Membru għandu jmexxi l-proċedimenti kriminali.

Or. en

Emenda 561
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Birgit Sippel

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Tfal vittmi ta' reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ***9*** għandhom jingħataw assistenza, appoġġ u protezzjoni f'konformità mal-Artikoli 21 u 22 , b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal.	1. Tfal vittmi ta' reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ***9*** għandhom jingħataw assistenza, appoġġ u protezzjoni f'konformità mal-Artikoli 21 u 22 , b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal ***irrispettivament jekk ikunux ressqu lment formali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Konsistenza ma' emendi oħra.

Emenda 562
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Tfal*** vittmi ta' reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ***9 għandhom*** jingħataw assistenza, appoġġ u protezzjoni f'konformità mal-Artikoli 21 u 22 , b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal.	1. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal*** vittmi ta' reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ***9*** jingħataw assistenza, appoġġ u protezzjoni f'konformità mal-Artikoli 21 u 22, b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika dwar fuq min jaqa' dan l-obbligu.

Emenda 563
Fredis Beleris

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Tfal vittmi ta' reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ***9*** għandhom jingħataw assistenza, appoġġ u protezzjoni f'konformità mal-Artikoli 21 u 22 , b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal.	1. Tfal vittmi ta' reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ***9*** għandhom jingħataw assistenza, appoġġ u protezzjoni f'konformità mal-Artikoli 21 u 22, b'kont meħud ***bħala prijorità assoluta*** tal-aħjar interessi tat-tfal.

Or. en

Emenda 564
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Birgit Sippel, Sandro Ruotolo

Proposta għal direttiva
Artikolu 20a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20a

Appoġġ speċjalizzat għat-tfal vittmi ta' abbuż sesswali jew sfruttament sesswali tat-tfal

1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu ċentri ta' riferiment mgħammra b'mod xieraq u faċilment aċċessibbli għall-vittmi ta' abbuż jew sfruttament sesswali tat-tfal li jistgħu jiffurmaw parti mis-sistema nazzjonali tal-kura tas-saħħa, biex jiżguraw appoġġ effettiv għat-tfal vittmi ta' abbuż jew sfruttament sesswali u biex jiżguraw il-ġestjoni klinika tal-vjolenza sesswali, inkluża l-assistenza fis-salvagwardja u d-dokumentazzjoni tal-evidenza.

Iċ-ċentri msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jipprovdu appoġġ sensittiv għat-trawma u, meta meħtieġ, riferiment għal appoġġ speċjalizzat għat-trawma u konsulenza għall-vittmi tfal, wara li jkun twettaq ir-reat.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal vittmi ta' abbuż jew sfruttament sesswali jkollhom aċċess għal eżamijiet mediċi u forensiċi. Dawk l-eżamijiet jistgħu jiġu pprovduti fiċ-ċentri msemmija f'dan il-paragrafu jew permezz ta' riferiment għal ċentri jew unitajiet speċjalizzati.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni bejn iċ-ċentri ta' riferiment u ċ-ċentri mediċi u forensiċi kompetenti. Is-servizzi kollha msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu pprovduti b'mod adattat għat-tfal.

2. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li t-tfal vittmi ta' abbuż jew sfruttament sesswali jkollhom aċċess f'waqtu għas-servizzi tal-kura tas-saħħa, inklużi s-servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva, f'konformità mal-liġi nazzjonali.

3. Is-servizzi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu disponibbli mingħajr ħlas, mingħajr preġudizzju għal dawk is-servizzi li huma

previsti taħt is-sistema nazzjonali tal-kura tas-saħħa, u aċċessibbli kull jum tal-ġimgħa.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw distribuzzjoni ġeografika u kapaċità tas-servizzi suffiċjenti kif imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 madwar l-Istat Membru.

5. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li dawn iċ-ċentri jkunu marbuta maċ-ċentri stabbiliti skont l-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2024/1385 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Meħtieġa għall-konsistenza mal-emenda fl-Artikolu 21(4).

Emenda 565
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Assistenza u appoġġ għall-vittmi	Assistenza u appoġġ għall-vittmi ***u għas-superstiti***

Or. en

Emenda 566
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Assistenza u appoġġ għall-vittmi	Assistenza u appoġġ għall-vittmi ***u għas-superstiti***

Or. en

Emenda 567
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Assistenza u appoġġ għall-vittmi	Assistenza u appoġġ għall-vittmi ***u għas-superstiti***

Or. en

Emenda 568
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strutturi interaġenzjali multidixxiplinari xierqa għall-età biex jirrispondu għall-abbuż u għall-isfruttament sesswali tat-tfal.

Or. en

Emenda 569
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-vittmi jingħataw assistenza u appoġġ speċjalizzat u adatt ***, qabel,*** matul ***u għal perjodu ta' żmien adatt*** wara l-konklużjoni ta'	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-vittmi ***u s-superstiti*** jingħataw assistenza u appoġġ speċjalizzat u adatt ***malli jsir rapport kemm (a) mingħajr l-eżistenza ta'***

proċedimenti kriminali sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif stipulati fid-Direttiva 2012/29/UE , fid-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi ***dwar id-drittijiet***, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ***tar-reati***] u f'din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jiżguraw li l-vittmi tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 jkollhom aċċess għal servizzi ta' appoġġ immirati u integrati għat-tfal f'konformità mal-Artikolu 9a tad-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi ***dwar id-drittijiet***, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ***tar-reati***]. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jiżguraw il-protezzjoni tat-tfal li jirrappurtaw każijiet ta' abbuż li qed iseħħu fl-ambjent familjari tagħhom.

proċediment kriminali kif ukoll, (b) jekk ikun il-każ matul ***il-proċedimenti kriminali u sakemm ikun hemm bżonn*** wara l-konklużjoni ta' proċedimenti kriminali ***u fuq bażi ta' nonparteċipazzjoni*** sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif stipulati fid-Direttiva 2012/29/UE , fid-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi ***fir-rigward tad-drittijiet***, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ***tal-kriminalità***] u f'din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jiżguraw li l-vittmi tar-reati ***u s-superstiti adulti*** msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 jkollhom aċċess għal servizzi ta' appoġġ immirati u integrati għat-tfal f'konformità mal-Artikolu 9a tad-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi ***fir-rigward tad-drittijiet***, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ***tal-kriminalità***]. L-Istati Membri għandhom***, b'mod partikolari,*** jieħdu l-passi neċessarji biex jiżguraw il-protezzjoni tat-tfal li jirrappurtaw każijiet ta' abbuż li qed iseħħu fl-ambjent familjari tagħhom***, kif ukoll appoġġ speċifiku għalihom***.

Or. en

Emenda 570
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-vittmi jingħataw assistenza u appoġġ speċjalizzat u adatt ***, qabel***, matul ***u għal perjodu ta' żmien adatt*** wara l-konklużjoni ta' proċedimenti kriminali sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-vittmi ***u s-superstiti*** jingħataw assistenza u appoġġ speċjalizzat u adatt***, malli jsir ir-rapport***, matul ***il-proċedimenti kriminali u sakemm ikun meħtieġ*** wara l-konklużjoni ta' proċedimenti kriminali ***u fuq bażi ta'***

stipulati fid-Direttiva 2012/29/UE , fid-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi ***dwar id-drittijiet***, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ***tar-reati***] u f'din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jiżguraw li l-vittmi tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 jkollhom aċċess għal servizzi ta' appoġġ immirati u integrati għat-tfal f'konformità mal-Artikolu 9a tad-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi ***dwar id-drittijiet***, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ***tar-reati***]. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jiżguraw il-protezzjoni tat-tfal li jirrappurtaw każijiet ta' abbuż li qed iseħħu fl-ambjent familjari tagħhom.

nonparteċipazzjoni sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif stipulati fid-Direttiva 2012/29/UE , fid-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi ***fir-rigward tad-drittijiet***, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ***tal-kriminalità***] u f'din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jiżguraw li l-vittmi ***u s-superstiti*** tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 jkollhom aċċess għal servizzi ta' appoġġ immirati u integrati għat-tfal f'konformità mal-Artikolu 9a tad-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi ***fir-rigward tad-drittijiet***, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ***tal-kriminalità***]. L-Istati Membri għandhom***, b'mod partikolari,*** jieħdu l-passi neċessarji biex jiżguraw il-protezzjoni tat-tfal li jirrappurtaw każijiet ta' abbuż li qed iseħħu fl-ambjent familjari tagħhom***, kif ukoll appoġġ speċifiku għalihom, f'konformità mal-aħjar interess tat-tfal***.

Or. en

Emenda 571
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-vittmi jingħataw assistenza u appoġġ speċjalizzat u adatt , qabel, matul u għal perjodu ta' żmien adatt wara l-konklużjoni ta' proċedimenti kriminali sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif stipulati fid-Direttiva 2012/29/UE , fid-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi ***dwar id-drittijiet***, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-vittmi ***u s-supersiti*** jingħataw assistenza u appoġġ speċjalizzat u adatt, qabel, matul u għal perjodu ta' żmien adatt wara l-konklużjoni ta' proċedimenti kriminali sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif stipulati fid-Direttiva 2012/29/UE, fid-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi ***fir-rigward tad-drittijiet***, l-appoġġ

tar-reati] u f'din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jiżguraw li l-vittmi tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 jkollhom aċċess għal servizzi ta' appoġġ immirati u integrati għat-tfal f'konformità mal-Artikolu 9a tad-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi ***dwar id-drittijiet***, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ***tar-reati***]. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jiżguraw il-protezzjoni tat-tfal li jirrappurtaw każijiet ta' abbuż li qed iseħħu fl-ambjent familjari tagħhom.

u l-protezzjoni tal-vittmi ***tal-kriminalità***] u f'din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jiżguraw li l-vittmi ***u s-superstiti*** tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 jkollhom aċċess għal servizzi ta' appoġġ immirati u integrati għat-tfal f'konformità mal-Artikolu 9a tad-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi ***fir-rigward tad-drittijiet***, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ***tal-kriminalità***]. L-Istati Membri għandhom***, b'mod partikolari,*** jieħdu l-passi neċessarji biex jiżguraw il-protezzjoni tat-tfal li jirrappurtaw każijiet ta' abbuż li qed iseħħu fl-ambjent familjari tagħhom***, kif ukoll appoġġ speċifiku għalihom, f'konformità mal-aħjar interess tat-tfal***.

Or. en

Emenda 572
Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Evin Incir, Antonio López-Istúriz White, Merja Kyllönen, Anna Stürgkh, François-Xavier Bellamy

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-vittmi jingħataw assistenza u appoġġ speċjalizzat u adatt , qabel, matul u għal perjodu ta' żmien adatt wara l-konklużjoni ta' proċedimenti kriminali sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif stipulati fid-Direttiva 2012/29/UE , fid-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards ***minimi dwar id-drittijiet***, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ***tar-reati] u f'din id-Direttiva***. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jiżguraw li l-vittmi tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 jkollhom aċċess għal servizzi ta' appoġġ immirati u integrati	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-vittmi jingħataw assistenza u appoġġ speċjalizzat u adatt, qabel, matul u għal perjodu ta' żmien adatt wara l-konklużjoni ta' proċedimenti kriminali sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif stipulati fid-Direttiva 2012/29/UE, fid-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards ***fir-rigward tad-drittijiet***, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ***tal-kriminalità***. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jiżguraw li l-vittmi tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 jkollhom aċċess għal servizzi ta' appoġġ immirati u integrati għat-tfal f'konformità mal-

għat-tfal f'konformità mal-Artikolu 9a tad-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi ***dwar id-drittijiet***, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ***tar-reati***]. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jiżguraw il-protezzjoni tat-tfal li jirrappurtaw każijiet ta' abbuż li qed iseħħu fl-ambjent familjari tagħhom.

Artikolu 9a tad-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi ***fir-rigward tad-drittijiet***, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ***tal-kriminalità***]. L-Istati Membri għandhom***, b'mod partikolari,*** jieħdu l-passi neċessarji biex jiżguraw il-protezzjoni tat-tfal li jirrappurtaw każijiet ta' abbuż li qed iseħħu fl-ambjent familjari tagħhom***, f'konformità mal-aħjar interess tat-tfal***.

Or. en

Emenda 573
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strutturi interaġenzjali multidixxiplinari xierqa għall-età biex jirrispondu għall-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal f'konformità mal-istandards tal-mudell Barnahus.

Or. en

Emenda 574
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strutturi xierqa għall-età, multidixxiplinari u interaġenzjali biex jirrispondu għall-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal.

Or. en

Emenda 575
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-vittmi għandhom jingħataw kura medika ***koordinata u*** xierqa għall-età tagħhom, appoġġ emozzjonali, psikosoċjali, psikoloġiku u edukattiv, kif ukoll kwalunkwe appoġġ xieraq ieħor imfassal b'mod partikolari għal sitwazzjonijiet ta' ***vjolenza domestika***.	2. Il-vittmi ***u s-superstiti*** għandhom jingħataw kura medika ***komprensiva, speċjalista, koordinata,*** xierqa għall-età tagħhom, ***ibbażata fuq informazzjoni dwar it-trawma u sensittiva għall-ġeneru,*** appoġġ emozzjonali, psikosoċjali***, legali***, psikoloġiku u edukattiv, kif ukoll kwalunkwe appoġġ xieraq ieħor imfassal b'mod partikolari għal sitwazzjonijiet ta' ***abbuż sesswali, inkluż meta jitwettaq permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjonijiet speċifiċi biex jassistu u jappoġġaw lill-vittmi u lis-superstiti li jkunu partikolarment vulnerabbli, inkluż minħabba diżabbiltajiet mentali jew fiżiċi f'konformità mal-Artikolu 26(c) tad-Direttiva (UE).../... [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità] tad-Direttiva Riformulata dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (2023/0250) proposta***.

Or. en

Emenda 576
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-vittmi għandhom jingħataw kura	2. Il-vittmi ***u s-superstiti*** għandhom

medika ***koordinata u*** xierqa għall-età tagħhom, appoġġ emozzjonali, psikosoċjali, psikoloġiku u edukattiv, kif ukoll kwalunkwe appoġġ xieraq ieħor imfassal b'mod partikolari għal sitwazzjonijiet ta' ***vjolenza domestika***.	jingħataw kura medika ***komprensiva, speċjalista, koordinata,*** xierqa għall-età ***u l-ħtiġijiet*** tagħhom, ***ibbażata fuq informazzjoni dwar it-trawma u sensittiva għall-ġeneru,*** appoġġ emozzjonali, psikosoċjali, psikoloġiku u edukattiv, kif ukoll kwalunkwe appoġġ xieraq ieħor imfassal b'mod partikolari għal sitwazzjonijiet ta' ***abbuż sesswali, inkluż meta jitwettaq permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni***.

Or. en

Emenda 577
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-vittmi għandhom jingħataw kura medika ***koordinata u*** xierqa għall-età tagħhom, appoġġ emozzjonali, psikosoċjali, psikoloġiku u edukattiv, kif ukoll kwalunkwe appoġġ xieraq ieħor imfassal b'mod partikolari għal sitwazzjonijiet ta' ***vjolenza domestika***.	2. Il-vittmi ***u s-superstiti*** għandhom jingħataw kura medika ***komprensiva, speċjalista, koordinata,*** xierqa għall-età tagħhom ***u bbażata fuq informazzjoni dwar it-trawma***, appoġġ emozzjonali, psikosoċjali, psikoloġiku***, legali*** u edukattiv, kif ukoll kwalunkwe appoġġ xieraq ieħor imfassal b'mod partikolari għal sitwazzjonijiet ta' ***abbuż sesswali, inkluż meta jitwettaq permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni***.

Or. en

Emenda 578
Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Evin Incir, Antonio López-Istúriz White, Merja Kyllönen, Anna Stürgkh, François-Xavier Bellamy

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2. Il-vittmi għandhom jingħataw kura medika koordinata u xierqa għall-età tagħhom, appoġġ emozzjonali, psikosoċjali, psikoloġiku u edukattiv, kif ukoll kwalunkwe appoġġ xieraq ieħor imfassal b'mod partikolari għal sitwazzjonijiet ta' ***vjolenza domestika***.	2. Il-vittmi għandhom jingħataw kura medika koordinata u xierqa għall-età tagħhom, appoġġ emozzjonali, psikosoċjali, psikoloġiku u edukattiv, kif ukoll kwalunkwe appoġġ xieraq ieħor imfassal b'mod partikolari għal sitwazzjonijiet ta' ***abbuż sesswali, inkluż meta jitwettaq permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni***.

Or. en

Emenda 579
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi, András László

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-vittmi*** għandhom jingħataw kura medika koordinata u xierqa għall-età tagħhom, appoġġ emozzjonali, psikosoċjali, psikoloġiku u edukattiv, kif ukoll kwalunkwe appoġġ xieraq ieħor imfassal b'mod partikolari għal sitwazzjonijiet ta' ***vjolenza domestika***.	2. ***L-Istati Membri*** għandhom ***jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-vittmi*** jingħataw kura medika koordinata u xierqa għall-età tagħhom, appoġġ emozzjonali, psikosoċjali, psikoloġiku u edukattiv, kif ukoll kwalunkwe appoġġ xieraq ieħor imfassal b'mod partikolari għal sitwazzjonijiet ta' ***abbuż sesswali***.

Or. fr

Emenda 580
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-vittmi għandhom jingħataw kura medika koordinata u xierqa għall-età tagħhom, appoġġ emozzjonali, psikosoċjali, psikoloġiku u edukattiv, kif ukoll kwalunkwe appoġġ xieraq ieħor imfassal b'mod partikolari għal	2. Il-vittmi għandhom jingħataw kura medika ***komprensiva, speċjalizzata,*** koordinata u xierqa għall-età tagħhom, appoġġ ***sensittiv għall-ġeneru,*** emozzjonali, psikosoċjali, psikoloġiku***,*** ***legali*** u edukattiv, kif ukoll kwalunkwe

sitwazzjonijiet ta' ***vjolenza domestika***.	appoġġ xieraq ieħor imfassal b'mod partikolari għal sitwazzjonijiet ta' ***abbuż sesswali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidliet li saru biex jirriflettu l-implimentazzjoni tal-mudell Barnahus ta' ġustizzja adattata għat-tfal.

Emenda 581
Fredis Beleris

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-vittmi għandhom jingħataw kura medika koordinata u xierqa għall-età tagħhom, appoġġ emozzjonali, psikosoċjali, psikoloġiku u edukattiv, kif ukoll kwalunkwe appoġġ xieraq ieħor imfassal b'mod partikolari għal sitwazzjonijiet ta' ***vjolenza domestika***.	2. Il-vittmi għandhom jingħataw kura medika koordinata u xierqa għall-età tagħhom, appoġġ emozzjonali, psikosoċjali, psikoloġiku u edukattiv, kif ukoll kwalunkwe appoġġ xieraq ieħor imfassal b'mod partikolari għal sitwazzjonijiet ta' ***abbuż sesswali u għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull vittma***.

Or. en

Emenda 582
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-vittmi*** għandhom ***jingħataw*** kura medika koordinata u xierqa għall-età tagħhom, appoġġ emozzjonali, psikosoċjali, psikoloġiku u edukattiv, kif ukoll kwalunkwe appoġġ xieraq ieħor imfassal b'mod partikolari għal sitwazzjonijiet ta' ***vjolenza domestika***.	2. ***L-Istati Membri*** għandhom ***jipprovdu*** kura medika koordinata u xierqa għall-età tagħhom, appoġġ emozzjonali, psikosoċjali, psikoloġiku u edukattiv ***lill-vittmi***, kif ukoll kwalunkwe appoġġ xieraq ieħor imfassal b'mod partikolari għal sitwazzjonijiet ta' ***abbuż sesswali***.

Or. en

Emenda 583
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, jieħdu azzjonijiet speċifiċi biex jassistu u jappoġġaw lill-vittmi u lis-superstiti li jkunu partikolarment vulnerabbli, inkluż minħabba diżabbiltà mentali jew fiżika f'konformità mal-Artikolu 26(c) tad-Direttiva (UE).../... [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità] tad-Direttiva Riformulata dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (2023/0250) proposta.

Or. en

Emenda 584
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strutturi interaġenzjali multidixxiplinari xierqa għall-età biex jirrispondu għal abbuż sesswali tat-tfal, inkluż meta jitwettaq permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

Or. en

Emenda 585
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi, András László

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn ikun meħtieġ li tiġi pprovduta akkomodazzjoni interim, it-tfal ***għandhom***, bħala prijorità, jitqiegħdu ma' membri oħra tal-familja, jekk meħtieġ f'akkomodazzjoni temporanja jew permanenti, mgħammra b'servizzi ta' appoġġ.	3. ***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li,*** fejn ikun meħtieġ li tiġi pprovduta akkomodazzjoni interim, it-tfal, bħala prijorità, jitqiegħdu ma' membri oħra tal-familja, jekk meħtieġ f'akkomodazzjoni temporanja jew permanenti, mgħammra b'servizzi ta' appoġġ.

Or. fr

Emenda 586
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Birgit Sippel

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn ikun meħtieġ li tiġi pprovduta akkomodazzjoni interim, it-tfal għandhom, bħala prijorità, jitqiegħdu ma' membri oħra tal-familja, jekk meħtieġ f'akkomodazzjoni temporanja jew permanenti, mgħammra b'servizzi ta' appoġġ.	3. Fejn ikun meħtieġ li tiġi pprovduta akkomodazzjoni interim, it-tfal għandhom, bħala prijorità, jitqiegħdu ma' membri oħra tal-familja ***filwaqt li jitqies l-aħjar interess tat-tfal***, jekk meħtieġ f'akkomodazzjoni temporanja jew permanenti, mgħammra b'servizzi ta' appoġġ.

Or. en

Emenda 587
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn ikun meħtieġ ***li tiġi pprovduta akkomodazzjoni*** interim***,*** it-tfal għandhom, bħala prijorità, jitqiegħdu ma' membri oħra tal-familja, jekk meħtieġ f'akkomodazzjoni temporanja jew permanenti, mgħammra b'servizzi ta' appoġġ.	3. Fejn ikun meħtieġ***, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lit-tfal b'akkomodazzjoni*** interim***.*** It-tfal għandhom, bħala prijorità, jitqiegħdu ma' membri oħra tal-familja, jekk meħtieġ f'akkomodazzjoni temporanja jew permanenti, mgħammra b'servizzi ta' appoġġ.

Or. en

Emenda 588
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Fejn ikun meħtieġ li tiġi pprovduta akkomodazzjoni interim, it-tfal għandhom, bħala prijorità, jitqiegħdu ma' membri oħra tal-familja, jekk meħtieġ f'akkomodazzjoni temporanja jew permanenti, mgħammra b'servizzi ta' appoġġ***.	3. ***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ħtieġa għal akkomodazzjoni interim u t-tip ta' tali akkomodazzjoni jiġu vvalutati b'mod li l-aħjar interess tat-tfal ikun il-kunsiderazzjoni primarja***.

Or. en

Emenda 589
Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Evin Incir, Antonio López-Istúriz White, Merja Kyllönen, Anna Stürgkh, François-Xavier Bellamy

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjonijiet speċifiċi biex jassistu u jappoġġaw lill-vittmi u lis-superstiti li jkunu partikolarment vulnerabbli, inkluż minħabba d-diżabbiltajiet mentali jew

fiżiċi tagħhom f'konformità mal-Artikolu 26(c) tad-Direttiva (UE).../... [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità] tad-Direttiva Riformulata dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (2023/0250) proposta.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għal skopijiet ta' konsistenza mal-acquis tal-Liġi tal-UE, huwa meħtieġ li ssir referenza espliċita tar-Riformulazzjoni proposta tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi.

Emenda 590
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-vittmi ta' reati punibbli skont din id-Direttiva għandu jkollhom aċċess għaċ-ċentri ta' riferiment stabbiliti fl-ambitu tal-Artikolu 28 tad-Direttiva […/…/UE Id-Direttiva proposta dwar il-vjolenza kontra n-nisa][26].	***imħassar***

[26] COM(2022) 105, 08.03.2022.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-Artikolu 20a ġdid.

Emenda 591
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi, András László

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Il-vittmi*** ta' reati punibbli skont din id-Direttiva ***għandu*** jkollhom aċċess għaċ-ċentri ta' riferiment stabbiliti fl-ambitu tal-Artikolu 28 tad-Direttiva […/…/UE Id-Direttiva proposta dwar il-vjolenza kontra n-nisa][26].	4. ***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-vittmi*** ta' reati punibbli skont din id-Direttiva jkollhom aċċess għaċ-ċentri ta' riferiment stabbiliti fl-ambitu tal-Artikolu 28 tad-Direttiva […/…/UE Id-Direttiva proposta dwar il-vjolenza kontra n-nisa][26].
[26] COM(2022) 105**,** 08.03.2022.	[26] COM(2022) 105 ***ta'*** 08.03.2022.

Or. fr

Emenda 592
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jittieħdu azzjonijiet speċifiċi biex jassistu u jappoġġaw ***it-tfal*** vittmi biex igawdu d-drittijiet tagħhom skont din id-Direttiva, wara li tkun saret stima individwali taċ-ċirkostanzi speċjali ta' kull vittma partikolari, imwettqa f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi ***dwar id-drittijiet***, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ***tar-reati***] u jittieħed kont tal-fehmiet, ***il-ħtiġijiet u l-interessi*** tat-tfal.	6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jittieħdu azzjonijiet speċifiċi biex jassistu u jappoġġaw ***lit-tfal*** vittmi ***u lit-tfal superstiti*** biex igawdu d-drittijiet tagħhom skont din id-Direttiva, wara li tkun saret stima individwali taċ-ċirkostanzi speċjali ta' kull vittma partikolari, imwettqa f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi ***fir-rigward tad-drittijiet***, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ***tal-kriminalità***] u jittieħed kont tal-fehmiet, ***tal-ħtiġijiet, tal-vulnerabbiltajiet speċifiċi u tat-tħassib*** tat-tfal.

Or. en

Emenda 593
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jittieħdu azzjonijiet speċifiċi biex jassistu u jappoġġaw ***it-tfal*** vittmi biex igawdu d-drittijiet tagħhom skont din id-Direttiva, wara li tkun saret stima individwali taċ-ċirkostanzi speċjali ta' kull vittma partikolari, imwettqa f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi ***dwar id-drittijiet***, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ***tar-reati***] u jittieħed kont tal-fehmiet, ***il-ħtiġijiet u l-interessi*** tat-tfal.	6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jittieħdu azzjonijiet speċifiċi biex jassistu u jappoġġaw ***lit-tfal*** vittmi ***u lit-tfal superstiti*** biex igawdu d-drittijiet tagħhom skont din id-Direttiva, wara li tkun saret stima individwali taċ-ċirkostanzi speċjali ta' kull vittma partikolari, imwettqa f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi ***fir-rigward tad-drittijiet***, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ***tal-kriminalità***] u jittieħed kont tal-fehmiet, ***tal-ħtiġijiet, tal-vulnerabbiltajiet speċifiċi u tat-tħassib*** tat-tfal.

Or. en

Emenda 594
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jittieħdu azzjonijiet speċifiċi biex jassistu u jappoġġaw it-tfal vittmi biex igawdu d-drittijiet tagħhom skont din id-Direttiva, wara li tkun saret stima individwali taċ-ċirkostanzi speċjali ta' kull vittma partikolari, imwettqa f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi ***dwar id-drittijiet***, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ***tar-reati***] u jittieħed kont tal-fehmiet, ***il-ħtiġijiet u l-interessi*** tat-tfal.	6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jittieħdu azzjonijiet speċifiċi biex jassistu u jappoġġaw it-tfal vittmi biex igawdu d-drittijiet tagħhom skont din id-Direttiva, wara li tkun saret stima individwali taċ-ċirkostanzi speċjali ta' kull vittma partikolari, imwettqa f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi ***fir-rigward tad-drittijiet***, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ***tal-kriminalità***] u jittieħed kont tal-fehmiet, ***tal-vulnerabbiltajiet, tal-ħtiġijiet u tat-tħassib*** tat-tfal.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidliet li saru biex jirriflettu l-implimentazzjoni tal-mudell Barnahus ta' ġustizzja adattata għat-tfal.

Emenda 595
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jittieħdu azzjonijiet speċifiċi biex jassistu u jappoġġaw ***it-tfal*** vittmi biex igawdu d-drittijiet tagħhom skont din id-Direttiva, wara li tkun saret stima individwali taċ-ċirkostanzi speċjali ta' kull vittma partikolari, imwettqa f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi ***dwar id-drittijiet***, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ***tar-reati***] u jittieħed kont tal-fehmiet, ***il-ħtiġijiet u l-interessi*** tat-tfal.	6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jittieħdu azzjonijiet speċifiċi biex jassistu u jappoġġaw ***lit-tfal*** vittmi ***u lit-tfal superstiti*** biex igawdu d-drittijiet tagħhom skont din id-Direttiva, wara li tkun saret stima individwali taċ-ċirkostanzi speċjali ta' kull vittma partikolari, imwettqa f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi ***fir-rigward tad-drittijiet***, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ***tal-kriminalità***] u jittieħed kont tal-fehmiet, ***tal-ħtiġijiet u tat-thassib*** tat-tfal.

Or. en

Emenda 596
Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Evin Incir, Antonio López-Istúriz White, Merja Kyllönen, Anna Stürgkh, François-Xavier Bellamy

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva ma jkunux kondizzjonali fuq l-istatus ta' residenza, iċ-ċittadinanza jew in-

nazzjonalità tal-vittma, f'konformità mad-Direttiva 2012/29/UE. L-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, jiżguraw li l-vittmi li jirrisjedu barra mill-UE jkollhom aċċess għall-assistenza u għall-informazzjoni relatata ma' materjal abbużiv li jkunu jidhru fih li jkun ospitat jew disseminat fl-UE. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex jiffaċilitaw it-talba ta' vittmi mhux tal-UE biex jitneħħew u ta' aċċess għal appoġġ kif ukoll kooperazzjoni ġudizzjarja.

Or. en

Ġustifikazzjoni

bħal hawn fuq

Emenda 597
Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Evin Incir, Antonio López-Istúriz White, Merja Kyllönen, Anna Stürgkh, François-Xavier Bellamy

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Il-vittmi tfal għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom u fuq bażi ta' nonparteċipazzjoni, informazzjoni dwar kwalunkwe każ ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkunu jidhru fih li jkun ospitat jew disseminat fl-UE. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri speċifiċi biex jiżguraw li l-vittmi jkunu infurmati dwar l-impatt potenzjali ta' din it-talba u jkollhom aċċess għall-assistenza u l-appoġġ matul il-proċess kollu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

bħal hawn fuq.

Emenda 598
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi, is-superstiti u l-familja tagħhom jirċievu informazzjoni xierqa mfassla għall-età tagħhom dwar id-dritt tagħhom għall-appoġġ u l-assistenza u l-proċessi li għandhom jiġu segwiti, f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2012/29/UE u d-Direttiva (UE).../... [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità].* ***L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri speċifiċi għall-vittmi u s-superstiti tfal biex jiżguraw komunikazzjoni xierqa adattata għall-età, il-maturità, il-ħtiġijiet u l-vulnerabbiltajiet speċifiċi tat-tfal. ***Il-persuni b'diżabbiltà għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu tali informazzjoni b'mod aċċessibbli għalihom.***

Or. en

Emenda 599
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8b. Il-vittmi u s-superstiti għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom u fuq bażi ta' nonparteċipazzjoni, informazzjoni dwar kwalunkwe każ ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkunu jidhru fih li jkun ospitat jew disseminat fl-UE. L-Istati

Membri għandhom jieħdu miżuri speċifiċi biex jiżguraw li l-vittmi u s-superstiti jkunu infurmati dwar l-impatt potenzjali ta' din it-talba u jkollhom aċċess għall-assistenza u l-appoġġ matul il-proċess kollu.

Or. en

Emenda 600
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 8c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8c. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva ma jkunux kondizzjonali fuq l-istatus ta' residenza, iċ-ċittadinanza jew in-nazzjonalità tal-vittma, f'konformità mad-Direttiva 2012/29/UE. L-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, jiżguraw li l-vittmi li jirrisjedu barra mill-UE jkollhom aċċess għall-assistenza u l-informazzjoni fir-rigward ta' materjal ospitat jew disseminat fl-UE li jkunu jidhru fih. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex jiffaċilitaw it-talba ta' vittmi mhux tal-UE biex jitneħħew u aċċess għall-appoġġ u l-protezzjoni kif ukoll għal kooperazzjoni ġudizzjarja.

Or. en

Emenda 601
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 8d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8d. L-Istati Membri għandhom joffru lill-vittmi u lis-superstiti taħriġ u edukazzjoni dwar il-vittimizzazzjoni, inkluż il-fehim tal-impatt tat-trawma, id-drittijiet tal-vittmi u tas-superstiti u d-drittijiet tat-tfal, l-espansjoni tal-għarfien dwar is-servizzi ta' appoġġ disponibbli, u joħolqu linji gwida biex jiġu identifikati s-sinjali ta' vittimizzazzjoni u kif l-aħjar tingħata assistenza.

Or. en

Emenda 602
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi, is-superstiti u l-familja tagħhom jirċievu informazzjoni xierqa mfassla għall-età tagħhom dwar id-dritt tagħhom għall-appoġġ u l-assistenza u l-proċessi li għandhom jiġu segwiti, f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2012/29/UE u d-Direttiva (UE) .../... [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità]. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri speċifiċi għall-vittmi u s-superstiti tfal biex jiżguraw komunikazzjoni xierqa adattata għall-età, il-maturità, il-ħtiġijiet u l-vulnerabbiltajiet speċifiċi tat-tfal. Il-persuni b'diżabbiltà għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu tali informazzjoni b'mod aċċessibbli għalihom;

Or. en

Emenda 603
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 9b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9b. Il-vittmi u s-superstiti għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom u fuq bażi ta' nonparteċipazzjoni, informazzjoni dwar kwalunkwe każ ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkunu jidhru fih li jkun ospitat jew disseminat fl-UE. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri speċifiċi biex jiżguraw li l-vittmi u s-superstiti jkunu infurmati dwar l-impatt potenzjali ta' din it-talba u jkollhom aċċess għall-assistenza u l-appoġġ matul il-proċess kollu.

Or. en

Emenda 604
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 9c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***9c. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva ma jkunux kondizzjonali fuq l-istatus ta' residenza, iċ-ċittadinanza jew in-nazzjonalità tal-vittma, f'konformità mad-Direttiva 2012/29/UE. L-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, jiżguraw li l-vittmi li jirrisjedu barra mill-UE jkollhom aċċess għall-assistenza u l-informazzjoni fir-rigward ta' materjal ospitat jew disseminat fl-UE li jkunu jidhru fih. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta'**

kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex jiffaċilitaw it-talba ta' vittmi mhux tal-UE biex jitneħħew u ta' aċċess għal appoġġ kif ukoll kooperazzjoni ġudizzjarja.

Or. en

Emenda 605
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. B'appoġġ miċ-Ċentru tal-UE ladarba jiġi stabbilit, l-Istati Membri għandhom joħorġu linji gwida għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tas-servizzi soċjali dwar l-għoti ta' appoġġ xieraq lill-vittmi ta' abbuż jew sfruttament sesswali tat-tfal, inkluż dwar ir-riferiment tal-vittmi lis-servizzi ta' appoġġ rilevanti u l-kjarifika tar-rwoli u r-responsabbiltajiet. Linji gwida bħal dawn għandhom jindikaw ukoll kif għandhom jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi.	10. B'appoġġ miċ-Ċentru tal-UE ladarba jiġi stabbilit, l-Istati Membri għandhom joħorġu linji gwida għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tas-servizzi soċjali dwar l-għoti ta' appoġġ xieraq lill-vittmi ta' abbuż jew sfruttament sesswali tat-tfal, inkluż dwar ir-riferiment tal-vittmi lis-servizzi ta' appoġġ rilevanti u l-kjarifika tar-rwoli u r-responsabbiltajiet. Linji gwida bħal dawn għandhom jindikaw ukoll kif għandhom jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi. ***Dawn il-linji gwida għandhom iservu bħala eżempju bażiku, iżda l-isforzi tal-Istati Membri ma għandhomx ikunu limitati għalihom biss. Huwa essenzjali li dawn il-linji gwida jitfasslu u jiġu implimentati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-amministrazzjonijiet reġjonali u lokali, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u ma' esperti. Il-proċess kollu għandu jitmexxa, jiġi ggwidat, u jiġi dirett mill-aħjar interessi tat-tfal bħala detenturi tad-drittijiet sħaħ. B'dan il-mod, se jiġi żgurat approċċ verament komprensiv u effettiv għall-protezzjoni tal-minorenni mill-abbuż u mill-isfruttament.*** ***Il-linji gwida għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tas-servizzi soċjali għandhom jinkludu protokolli mmirati lejn il-protezzjoni tat-tfal li***

jistgħu jkunu vittmi ta' vjolenza sesswali. Tali protokolli għandhom ikunu bbażati fuq prinċipji ewlenin biex tingħata prijorità lis-sikurezza tal-vittma, jiġifieri: (a) L-aħjar interessi tat-tfal. Kull deċiżjoni trid tiffoka, qabel kull interess ieħor, fuq is-salvagwardja tal-benesseri u tas-sikurezza tat-tfal. (b) Il-kunfidenzjalità. Huwa kruċjali li tiġi protetta l-privatezza tat-tfal biex tiġi evitata l-vittimizzazzjoni mill-ġdid u l-istigmatizzazzjoni. L-informazzjoni għandha tiġi kondiviża biss mal-professjonisti awtorizzati. (c) L-ebda vittimizzazzjoni mill-ġdid. Ir-repetizzjoni tal-mistoqsijiet u tal-eżamijiet trid tiġi evitata, peress li dan jista' jikkawża trawma addizzjonali. Il-komunikazzjoni u l-proċedimenti għandhom ikunu adattati u limitati għal dak li huwa neċessarju. (d) L-universalità u n-nondiskriminazzjoni. It-tfal kollha għandu jkollhom aċċess ugwali għall-protezzjoni, irrispettivament mill-ġeneru, l-etniċità, id-diżabbiltà, jew fatturi oħra. (e) Perspettiva tal-ġeneru. Il-protokoll għandu jqis id-differenzi bejn il-ġeneri u kif dawn jistgħu jaffettwaw l-esperjenza tal-abbuż u l-proċess ta' appoġġ.

Or. en

Emenda 606
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Protezzjoni ***ta' tfal vittmi*** f'investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali	Protezzjoni ***tat-tfal*** f'investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali

Or. en

Emenda 607
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Protezzjoni ***ta' tfal vittmi*** f'investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali	Protezzjoni ***tat-tfal*** f'investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali

Or. en

Emenda 608
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Protezzjoni ***ta' tfal vittmi*** f'investigazzjonijiet u proċedimenti ***kriminali***	Protezzjoni ***tat-tfal*** f'investigazzjonijiet u proċedimenti***.***

Or. en

Emenda 609
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Protezzjoni ***ta' tfal vittmi*** f'investigazzjonijiet u proċedimenti ***kriminali***	Protezzjoni ***tat-tfal*** f'investigazzjonijiet u proċedimenti

Or. en

Emenda 610

Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe investigazzjoni u proċediment li jinvolvu lit-tfal jitwettqu f'konformità mal-prinċipji ta' ġustizzja adattata għat-tfal. L-awtoritajiet kollha involuti fil-proċedimenti għandhom jitħarrġu f'ġustizzja mfassla apposta għat-tfal.

Or. en

Emenda 611
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe investigazzjoni u proċediment li jinvolvu lit-tfal jitwettqu f'konformità mal-prinċipji ta' ġustizzja adattata għat-tfal. L-awtoritajiet kollha involuti fil-proċedimenti għandhom jitħarrġu f'ġustizzja mfassla apposta għat-tfal.

Or. en

Emenda 612
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu -1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-vittmi tfal jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, huma jirċievu, mingħajr dewmien, appoġġ u protezzjoni xierqa fl-istadji kollha tal-investigazzjonijiet u tal-proċedimenti kriminali, filwaqt li jitqiesu l-fehmiet, il-ħtiġijiet, il-vulnerabbiltajiet u t-tħassib speċifiċi tat-tfal.

Or. en

Emenda 613
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu -1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi tfal jirċievu informazzjoni xierqa għall-età tagħhom dwar id-drittijiet tagħhom u l-proċessi li jridu jiġu segwiti f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2012/29/UE u tad-Direttiva (UE) .../... [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità].

Or. en

Emenda 614
Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Evin Incir, Antonio López-Istúriz White, Merja Kyllönen, Anna Stürgkh, François-Xavier Bellamy

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li fl-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistema relevanti tal-ġustizzja, l-awtoritajiet kompetenti jaħtru rappreżentant speċjali għat-tfal vittmi fejn, taħt il-liġi nazzjonali, id-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri jkunu prekluży milli jirrappreżentaw lit-tfal bħala riżultat ta' konflitt ta' interess bejnhom u t-tfal vittmi, jew fejn it-tfal ma jkunux akkumpanjati jew ikunu separati mill-familja.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li fl-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistema relevanti tal-ġustizzja, l-awtoritajiet kompetenti jaħtru rappreżentant speċjali għat-tfal vittmi fejn, taħt il-liġi nazzjonali, id-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri jkunu prekluży milli jirrappreżentaw lit-tfal bħala riżultat ta' konflitt ta' interess bejnhom u t-tfal vittmi, jew fejn it-tfal ma jkunux akkumpanjati jew ikunu separati mill-familja. ***L-awtoritajiet kollha involuti fil-proċedimenti għandhom jitħarrġu f'ġustizzja mfassla apposta għat-tfal.***

Or. en

Emenda 615
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li fl-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistema ***relevanti*** tal-ġustizzja, l-awtoritajiet kompetenti jaħtru rappreżentant speċjali għat-tfal vittmi fejn, taħt il-liġi nazzjonali, id-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri jkunu prekluży milli jirrappreżentaw lit-tfal bħala riżultat ta' konflitt ta' interess bejnhom u t-tfal vittmi, jew fejn it-tfal ma jkunux akkumpanjati jew ikunu separati mill-familja.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ***kemm*** fl-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali ***kif ukoll f'dawk mhux kriminali***, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistema ***rilevanti*** tal-ġustizzja, l-awtoritajiet kompetenti jaħtru rappreżentant speċjali għat-tfal vittmi fejn, taħt il-liġi nazzjonali, id-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri jkunu prekluży milli jirrappreżentaw lit-tfal bħala riżultat ta' konflitt ta' interess bejnhom u t-tfal vittmi, jew fejn it-tfal ma jkunux akkumpanjati jew ikunu separati mill-familja.

Or. en

Emenda 616

Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kollha li jinvolvu lit-tfal jitwettqu f'konformità mal-prinċipji tal-ġustizzja adattata għat-tfal. L-awtoritajiet kollha involuti f'dawn il-proċedimenti għandhom jirċievu taħriġ fi prattiki tal-ġustizzja adattati għat-tfal. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-vittmi tfal li jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali jingħataw minnufih appoġġ u protezzjoni xierqa f'kull stadju tal-investigazzjoni u tal-proċess legali, b'kunsiderazzjoni bir-reqqa tal-fehmiet, tal-ħtiġijiet, tal-vulnerabbiltajiet speċifiċi, u tat-tħassib tat-tfal.

Or. en

Emenda 617
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe investigazzjoni u proċediment li jinvolvu lit-tfal jitwettqu f'konformità mal-prinċipji ta' ġustizzja adattata għat-tfal. L-awtoritajiet kollha involuti fil-proċedimenti għandhom ikunu mħarrġa fil-ġustizzja adattata għat-tfal u fis-servizzi ta' protezzjoni u soċjali.

Or. en

Emenda 618

Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-vittmi tfal jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, huma jirċievu, mingħajr dewmien, appoġġ u protezzjoni xierqa fl-istadji kollha tal-investigazzjonijiet u tal-proċedimenti kriminali, filwaqt li jitqiesu l-fehmiet, il-ħtiġijiet, il-vulnerabbiltajiet u t-tħassib speċifiċi tat-tfal.

Or. en

Emenda 619
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi tfal jirċievu informazzjoni xierqa għall-ħtiġijiet u għall-età tagħhom dwar id-drittijiet tagħhom u l-proċessi li għandhom jiġu segwiti f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2012/29/UE u tad-Direttiva (UE) .../... [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità].

Or. en

Emenda 620
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1d. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kemm l-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali kif ukoll dawk mhux kriminali ma jwasslux għal proċess ta' vittimizzazzjoni mill-ġdid tat-tfal.

Or. en

Emenda 621
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1e. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li t-tfal jinstemgħu u li jinstemgħu b'garanziji sħaħ u mingħajr restrizzjonijiet fuq l-età, filwaqt li jiżguraw, fi kwalunkwe każ, li dan il-proċess ikun aċċessibbli b'mod universali fil-proċedimenti amministrattivi u ġudizzjarji kollha jew fil-proċedimenti l-oħra kollha relatati mal-akkreditazzjoni tal-vjolenza u mar-riparazzjoni tal-vittmi. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu li jiġu kkunsidrati approċċi teoretiċi jew kriterji mhux xjentifiċi li jippreżumu interferenza jew manipulazzjoni mill-adulti, bħal l-hekk imsejjaħ sindromu tal-aljenazzjoni tal-ġenituri.

Or. en

Emenda 622
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) l-intervisti u kwalunkwe kondiviżjoni ta' informazzjoni mit-tfal vittmi għandhom isiru bil-kunsens tat-tfal sakemm il-kunsens innifsu ma jkunx raġuni għal riskju sinifikanti ta' ħsara.

Or. en

Emenda 623
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 3 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) l-intervisti u kwalunkwe kondiviżjoni ta' informazzjoni mit-tfal vittmi għandhom isiru bil-kunsens tat-tfal sakemm il-kunsens innifsu ma jkunx raġuni għal riskju sinifikanti ta' ħsara.

Or. en

Emenda 624
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li, f'investigazzjonijiet kriminali ta' kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ***9*** , l-intervisti kollha mat-tfal vittmi jew, fejn xieraq, ma' xhieda tfal, ikunu jistgħu jiġu rreġistrati b'mod awdjoviżiv u li dawn ir-reġistrazzjonijiet awdjoviżivi tal-intervisti jkunu jistgħu jintużaw bħala evidenza fi proċedimenti tal-qorti kriminali, f'konformità mar-regoli taħt il-	4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li, f'investigazzjonijiet kriminali ta' kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ***9***, l-intervisti kollha mat-tfal vittmi jew, fejn xieraq, ma' xhieda tfal, ikunu jistgħu jiġu rreġistrati b'mod awdjoviżiv***, bil-kunsens infurmat tat-tfal vittmi u tal-ġenitur/gwardjan legali, meta dak il-ġenitur/gwardjan legali ma jkunx involut fir-reat imwettaq,*** u li dawn ir-

liġi nazzjonali tagħhom.	reġistrazzjonijiet awdjoviżivi tal-intervisti jkunu jistgħu jintużaw bħala evidenza fi proċedimenti tal-qorti kriminali, f'konformità mar-regoli taħt il-liġi nazzjonali tagħhom.

Or. en

Emenda 625
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li, f'investigazzjonijiet kriminali ta' kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa 9 , l-intervisti kollha mat-tfal vittmi jew, fejn xieraq, ma' xhieda tfal, ikunu jistgħu jiġu rreġistrati b'mod awdjoviżiv u li dawn ir-reġistrazzjonijiet awdjoviżivi tal-intervisti jkunu jistgħu jintużaw bħala evidenza fi proċedimenti tal-qorti kriminali, f'konformità mar-regoli taħt il-liġi nazzjonali tagħhom.	4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li, f'investigazzjonijiet kriminali ta' kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa 9 , l-intervisti kollha mat-tfal vittmi jew, fejn xieraq, ma' xhieda tfal, ikunu jistgħu jiġu rreġistrati b'mod awdjoviżiv ***bil-kunsens infurmat tat-tfal vittmi u tal-ġenitur/gwardjan legali, meta dak il-ġenitur/gwardjan legali ma jkunx involut fir-reat imwettaq*** u li dawn ir-reġistrazzjonijiet awdjoviżivi tal-intervisti jkunu jistgħu jintużaw bħala evidenza fi proċedimenti tal-qorti kriminali, f'konformità mar-regoli taħt il-liġi nazzjonali tagħhom.

Or. en

Emenda 626
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li,	4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li,

f'investigazzjonijiet kriminali ta' kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ***9*** , l-intervisti kollha mat-tfal vittmi ***jew, fejn xieraq, ma' xhieda tfal, ikunu*** jistgħu jiġu rreġistrati b'mod awdjoviżiv u li dawn ir-reġistrazzjonijiet awdjoviżivi tal-intervisti jkunu jistgħu jintużaw bħala evidenza fi proċedimenti tal-qorti kriminali, f'konformità mar-regoli taħt il-liġi nazzjonali tagħhom.

f'investigazzjonijiet kriminali ta' kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ***9***, l-intervisti kollha mat-tfal vittmi ***jkunu*** jistgħu jiġu rreġistrati b'mod awdjoviżiv u li dawn ir-reġistrazzjonijiet awdjoviżivi tal-intervisti jkunu jistgħu jintużaw bħala evidenza fi proċedimenti tal-qorti kriminali, f'konformità mar-regoli taħt il-liġi nazzjonali tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Xhieda tfal koperti minn diversi paragrafi permezz tal-paragrafu 7a addizzjonali.

Emenda 627
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li, f'investigazzjonijiet kriminali ta' kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ***9*** , l-intervisti kollha mat-tfal vittmi jew, fejn xieraq, ma' xhieda tfal, ***ikunu jistgħu*** jiġu rreġistrati b'mod awdjoviżiv u li dawn ir-reġistrazzjonijiet awdjoviżivi tal-intervisti jkunu jistgħu jintużaw bħala evidenza fi proċedimenti tal-qorti kriminali, f'konformità mar-regoli taħt il-liġi nazzjonali tagħhom.	4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li, f'investigazzjonijiet kriminali ta' kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa ***9***, l-intervisti kollha mat-tfal vittmi jew, fejn xieraq, ma' xhieda tfal, ***għandhom*** jiġu rreġistrati b'mod awdjoviżiv u li dawn ir-reġistrazzjonijiet awdjoviżivi tal-intervisti jkunu jistgħu jintużaw bħala evidenza fi proċedimenti tal-qorti kriminali, f'konformità mar-regoli taħt il-liġi nazzjonali tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aġġornament teknoloġiku

Emenda 628
Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Evin Incir, Antonio

López-Istúriz White, Merja Kyllönen, Anna Stürgkh, François-Xavier Bellamy

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, meta l-parteċipazzjoni tat-tfal tkun meħtieġa fi proċedimenti tal-qorti kriminali relatati ma' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9, il-qorti tqis l-età u l-maturità tat-tfal fil-proċedimenti tal-qorti rilevanti.	7. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, meta l-parteċipazzjoni tat-tfal tkun meħtieġa fi proċedimenti tal-qorti kriminali relatati ma' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9, il-qorti tqis l-età u l-maturità tat-tfal fil-proċedimenti tal-qorti rilevanti. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn il-miżuri japplikaw għat-tfal kollha, inklużi dawk allegati li wettqu reat, akkużati jew ikkundannati b'reat, li huma persuni suspettati jew persuni akkużati fi proċedimenti kriminali f'konformità mas-salvagwardji stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2016/800 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali.***

Or. en

Emenda 629
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, meta l-parteċipazzjoni tat-tfal tkun meħtieġa fi proċedimenti ***tal-qorti kriminali*** relatati ma' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9, il-qorti tqis ***l-età u l-maturità*** tat-tfal fil-proċedimenti ***tal-qorti*** rilevanti.	7. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, meta l-parteċipazzjoni tat-tfal tkun meħtieġa fi proċedimenti ***ġudizzjarji*** relatati ma' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9, il-qorti tqis ***l-aħjar interessi, l-età, il-maturità u l-ħtiġijiet speċifiċi*** tat-tfal fil-proċedimenti ***investigattivi u ġudizzjarji*** rilevanti. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dan japplika għat-tfal kollha, inklużi dawk allegati li wettqu reat, akkużati jew***

ikkundanati b'reat.

Or. en

Emenda 630
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, meta l-parteċipazzjoni tat-tfal tkun meħtieġa fi proċedimenti tal-qorti kriminali relatati ma' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9, il-qorti tqis l-età u l-maturità tat-tfal fil-proċedimenti tal-qorti rilevanti.	7. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, meta l-parteċipazzjoni tat-tfal tkun meħtieġa fi proċedimenti tal-qorti kriminali relatati ma' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9, il-qorti tqis ***l-aħjar interessi,*** l-età u l-maturità tat-tfal fil-proċedimenti tal-qorti rilevanti. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dan japplika għat-tfal kollha, inklużi dawk allegati li wettqu reat, akkużati jew ikkundannati b'reat.***

Or. en

Emenda 631
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, meta l-parteċipazzjoni tat-tfal tkun meħtieġa fi proċedimenti ***tal-qorti kriminali*** relatati ma' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9, il-qorti tqis l-età u l-maturità tat-tfal fil-proċedimenti tal-qorti rilevanti.	7. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, meta l-parteċipazzjoni tat-tfal tkun meħtieġa fi proċedimenti ***ġudizzjarji*** relatati ma' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9, il-qorti tqis ***l-aħjar interessi,*** l-età u l-maturità tat-tfal fil-proċedimenti tal-qorti rilevanti. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dan japplika għat-tfal kollha, inklużi dawk***

allegati li wettqu reat, akkużati jew ikkundannati b'reat.

Or. en

Emenda 632
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, meta l-parteċipazzjoni tat-tfal tkun meħtieġa fi proċedimenti tal-qorti kriminali relatati ma' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9, il-qorti tqis ***l-età u l-maturità*** tat-tfal fil-proċedimenti tal-qorti rilevanti.	7. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, meta l-parteċipazzjoni tat-tfal tkun meħtieġa fi proċedimenti tal-qorti kriminali relatati ma' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9, il-qorti tqis ***il-vulnerabbiltajiet*** tat-tfal fil-proċedimenti tal-qorti rilevanti***, inklużi l-età, il-maturità u l-benesseri mentali u fiżiku***.

Or. en

Emenda 633
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Il-paragrafi 3 sa 7 għandhom japplikaw għal xhieda tfal li ma jkunux vittmi huma stess.

Or. en

Emenda 634
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Birgit Sippel, Sandro Ruotolo

Proposta għal direttiva

Artikolu 22 – paragrafu 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri kollha ta' prevenzjoni jiddedikaw attenzjoni partikolari għall-ħtieġa li jiġu protetti t-tfal li jkunu partikolarment vulnerabbli, inklużi tfal b'diżabbiltajiet mentali jew fiżiċi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-konsistenza ma' dispożizzjoni li tirrifletti dan fl-Artikolu 28.

Emenda 635
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dritt tal-vittma għal kumpens	***Id-dritt*** tal-vittma ***u tas-superstitu*** għal kumpens

Or. en

Emenda 636
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dritt tal-vittma għal kumpens	***Id-dritt*** tal-vittma ***u tas-superstitu*** għal kumpens

Or. en

Emenda 637

Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dritt tal-vittma għal kumpens	***Id-dritt*** tal-vittma ***u tas-superstitu*** għal kumpens

Or. en

Emenda 638
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi

Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dritt tal-vittma ***għal*** kumpens	Dritt tal-vittma ***li titlob*** kumpens

Or. fr

Emenda 639
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ta' din id-Direttiva jkollhom dritt għal kumpens għal kwalunkwe dannu mġarrab. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun jista' jintalab kumpens mingħand l-awturi ta' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 minn persuni ġuridiċi responsabbli għal tali reati skont l-Artikoli 13 u 14 u, fejn xieraq, minn skemi nazzjonali ta' kumpens stabbiliti għall-benefiċċji tal-vittmi tal-kriminalità.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi ***u s-superstiti*** tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ta' din id-Direttiva jkollhom dritt għal kumpens għal kwalunkwe dannu mġarrab. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ***regoli proċedurali għall-kumpens ċari, ibbażati fuq informazzjoni dwar it-trawma u sensittivi għall-vittmi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw*** li jkun jista' jintalab kumpens mingħand l-awturi ta' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 minn persuni ġuridiċi responsabbli għal

	tali reati skont l-Artikoli 13 u 14***, minn organizzazzjonijiet li l-persunal, il-kuntratturi u l-voluntiera tagħhom jaħdmu f'kuntatt mill-qrib mat-tfal meta jkun seħħ ksur kolpevoli tal-obbligu ta' salvagwardja tagħhom ta' kura lejn il-vittma*** u, fejn xieraq, minn skemi nazzjonali ta' kumpens stabbiliti għall-benefiċċji tal-vittmi tal-kriminalità.
	Or. en

Emenda 640
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ta' din id-Direttiva jkollhom dritt għal kumpens għal kwalunkwe dannu mġarrab. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun jista' jintalab kumpens mingħand l-awturi ta' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 minn persuni ġuridiċi responsabbli għal tali reati skont l-Artikoli 13 u 14 u, fejn xieraq, minn skemi nazzjonali ta' kumpens stabbiliti għall-benefiċċji tal-vittmi tal-kriminalità.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ta' din id-Direttiva jkollhom dritt għal kumpens għal kwalunkwe dannu mġarrab. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ***regoli proċedurali għall-kumpens ċari, ibbażati fuq informazzjoni dwar it-trawma u sensittivi għall-vittmi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw*** li jkun jista' jintalab kumpens mingħand l-awturi ta' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 minn persuni ġuridiċi responsabbli għal tali reati skont l-Artikoli 13 u 14 u, fejn xieraq, minn skemi nazzjonali ta' kumpens stabbiliti għall-benefiċċji tal-vittmi tal-kriminalità.
	Or. en

Emenda 641
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex itejbu l-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal ***f'ambjenti*** komunitarji, inklużi ***skejjel, sptarijiet, servizzi tal-kura*** soċjali, ***klabbs*** sportivi jew ***komunitajiet*** reliġjużi.	L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex itejbu l-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal ***fl-ambjenti*** komunitarji, inklużi ***l-iskejjel, l-isptarijiet, is-servizzi tal-assistenza*** soċjali, ***il-klabbs*** sportivi jew ***il-komunitajiet*** reliġjużi***, b'kunsiderazzjoni stretta, fil-każ tal-aħħar, għan-natura speċifika tal-attività tagħhom u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-prattika reliġjuża***.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

It-tieni proposta.

Emenda 691
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex ***itejbu l-prevenzjoni*** tal-abbuż sesswali tat-tfal ***f'ambjenti*** komunitarji, inklużi ***skejjel, sptarijiet, servizzi tal-kura*** soċjali, ***klabbs*** sportivi jew ***komunitajiet*** reliġjużi.	L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex ***jiżguraw il-prevenzjoni*** tal-abbuż sesswali tat-tfal ***fl-ambjenti*** komunitarji ***kollha u fl-organizzazzjonijiet kollha li l-persunal u l-voluntiera tagħhom jaħdmu f'kuntatt mill-qrib mat-tfal***, inklużi ***l-iskejjel, l-isptarijiet, iċ-ċentri tal-indukrar ta' matul il-jum, is-servizzi tal-assistenza*** soċjali, ***il-klabbs*** sportivi jew ***il-komunitajiet*** reliġjużi.

Or. en

Emenda 692
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex ***itejbu l-prevenzjoni tal-abbuż*** sesswali tat-tfal ***f'ambjenti komunitarji***, inklużi ***skejjel, sptarijiet, servizzi tal-kura*** soċjali, ***klabbs*** sportivi jew ***komunitajiet*** reliġjużi.	L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex ***jipprevjenu l-abbuż*** sesswali tat-tfal ***fl-organizzazzjonijiet kollha li l-persunal u l-voluntiera tagħhom jaħdmu f'kuntatt mill-qrib mat-tfal***, inklużi ***l-iskejjel, l-isptarijiet, is-servizzi tal-assistenza*** soċjali, ***il-klabbs*** sportivi jew ***il-komunitajiet*** reliġjużi.

Or. en

Emenda 693
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Birgit Sippel

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex itejbu l-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal ***f'ambjenti*** komunitarji, inklużi ***skejjel, sptarijiet, servizzi tal-kura*** soċjali, ***klabbs*** sportivi jew ***komunitajiet*** reliġjużi.	L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex itejbu l-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal ***fl-ambjenti*** komunitarji, inklużi ***l-iskejjel, l-isptarijiet, is-servizzi tal-assistenza*** soċjali, ***il-foster care, il-klabbs*** sportivi jew ***il-komunitajiet*** reliġjużi.

Or. en

Emenda 694
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex itejbu l-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal ***f'ambjenti*** komunitarji, inklużi ***skejjel, sptarijiet, servizzi tal-kura*** soċjali***, klabbs sportivi jew komunitajiet reliġjużi***.	L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex itejbu l-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal ***fl-ambjenti*** komunitarji, inklużi ***l-iskejjel, l-isptarijiet, is-servizzi tal-assistenza*** soċjali ***jew il-klabbs sportivi***.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-ewwel proposta.

Emenda 695
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) taħriġ u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni għall-persunal ***li jaħdem f'tali ambjenti***;	(a) taħriġ u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni ***mfassla apposta*** għall-persunal ***u l-voluntiera li jaħdmu f'kuntatt mill-qrib mat-tfal, inkluż dwar kif għandhom jipprevjenu, jidentifikaw u jipprovdu rispons xieraq skont l-età, sensittiv għall-ġeneru u infurmat dwar it-trawma għall-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal***;

Or. en

Emenda 696
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) taħriġ u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni għall-persunal ***li jaħdem***	(a) taħriġ u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni ***mfassla apposta*** għall-persunal ***u l-voluntiera li jaħdmu f'kuntatt***

f'tali ambjenti;	***mill-qrib mat-tfal, inkluż dwar kif għandhom jipprevjenu, jidentifikaw u jipprovdu rispons xieraq skont l-età, sensittiv għall-ġeneru u infurmat dwar it-trawma għall-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal***;

Or. en

Emenda 697
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) taħriġ u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni għall-persunal ***li jaħdem f'tali ambjenti***;	(a) taħriġ u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni ***mfassla apposta*** għall-persunal ***u l-voluntiera li jaħdmu f'ambjenti bħal dawn***;

Or. en

Emenda 698
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) linji gwida apposta, protokolli interni u standards li jidentifikaw prattiki tajbin, bħall-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' superviżjoni u responsabbiltà għall-persunal li jaħdem f'kuntatt mill-qrib mat-tfal f'tali ambjenti;	(b) ***Politiki tas-Salvagwardar tat-Tfal obbligatorji li jispjegaw kif wieħed għandu jipprevjeni u jirreaġixxi għall-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal,*** linji gwida apposta, protokolli interni u standards li jidentifikaw prattiki tajbin, bħall-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' superviżjoni u responsabbiltà għall-persunal li jaħdem f'kuntatt mill-qrib mat-tfal f'tali ambjenti;

Or. en

Emenda 699
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) linji gwida apposta, protokolli interni u standards li jidentifikaw prattiki tajbin, bħall-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' superviżjoni u responsabbiltà għall-persunal li jaħdem f'kuntatt mill-qrib mat-tfal f'tali ambjenti;	(b) ***politiki tas-salvagwardar tat-tfal obbligatorji,*** linji gwida apposta, protokolli interni u standards li jidentifikaw prattiki tajbin, bħall-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' superviżjoni u responsabbiltà għall-persunal li jaħdem f'kuntatt mill-qrib mat-tfal f'tali ambjenti;

Or. en

Emenda 700
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-ħolqien ta' spazji sikuri, immexxija minn persunal ***apposta*** u mħarreġ kif xieraq, fejn it-tfal, il-ġenituri, il-persuni li jindukraw u l-membri tal-komunità jistgħu jirrapportaw imġiba mhux xierqa.	(c) il-ħolqien ta' spazji sikuri ***u aċċessibbli, bħall-helplines jew il-pjattaformi kunfidenzjali***, immexxija minn persunal ***iddedikat*** u mħarreġ kif xieraq, fejn it-tfal, il-ġenituri, il-persuni li jindukraw u l-membri tal-komunità jistgħu jirrapportaw imġiba mhux xierqa.

Or. en

Emenda 701
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(ca) il-ħolqien ta' helplines, chats online jew kanali oħra b'livell limitu baxx ta' aċċess immexxija minn persunal imħarreġ kif xieraq, fejn it-tfal ikunu jistgħu jiddiskutu kwistjonijiet li jikkonċernaw lilhom u jkunu jistgħu jingħataw pariri.

Or. en

Emenda 702
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) kontrolli tal-kondotta kriminali għal imġiba abbużiva;

Or. en

Emenda 703
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-miżuri ta' prevenzjoni għandhom jiddedikaw attenzjoni partikolari għall-ħtieġa li jiġu protetti t-tfal li huma partikolarment vulnerabbli, inklużi ***tfal b'diżabilitajiet*** mentali jew ***fiżiċi***.	Il-miżuri ta' prevenzjoni għandhom jiddedikaw attenzjoni partikolari għall-ħtieġa li jiġu protetti t-tfal li huma partikolarment vulnerabbli, inklużi ***t-tfal b'diżabilità*** mentali jew ***fiżika, it-tfal f'kuntesti ta' migrazzjoni, kemm dawk mhux akkumpanjati kif ukoll dawk akkumpanjati, jew it-tfal li ma jikkonformawx man-normi konvenzjonali relatati mal-orjentazzjoni sesswali, l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru jew il-karatteristiċi tas-sess***.

Or. en

Emenda 704
Paolo Inselvini

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-miżuri ta' prevenzjoni għandhom jiddedikaw attenzjoni partikolari għall-ħtieġa li jiġu protetti t-tfal li huma partikolarment vulnerabbli, ***inklużi tfal b'diżabilitajiet*** mentali jew ***fiżiċi***.	Il-miżuri ta' prevenzjoni għandhom jiddedikaw attenzjoni partikolari għall-ħtieġa li jiġu protetti t-tfal li huma partikolarment vulnerabbli, ***b'mod speċjali t-tfal b'diżabilità*** mentali jew ***fiżika***.

Or. it

Emenda 705
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, András László

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ladarba jiġi stabbilit, iċ-Ċentru tal-UE għandu jappoġġa b'mod proattiv l-isforzi ta' prevenzjoni tal-Istati Membri billi:	***imħassar***
(a) jistieden istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni, kif ukoll awtoritajiet, korpi jew aġenziji rilevanti tal-Istati Membri, biex jikkondividu informazzjoni dwar miżuri u programmi ta' prevenzjoni fil-qasam tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal kull meta jkun xieraq u mill-inqas darba fis-sena;	
(b) jiġbor informazzjoni dwar miżuri u programmi ta' prevenzjoni fil-qasam tal-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, inklużi miżuri u programmi implimentati f'pajjiżi terzi;	
(c) jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi billi jżomm bażi tad-data pubblika ta' miżuri u	

programmi ta' prevenzjoni implimentati f'kull Stat Membri kif ukoll f'pajjiżi terzi.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Direttiva ma tistax tiddetermina l-azzjoni ta' aġenzija tal-Unjoni Ewropea; dil-ħaġa jista' jagħmilha biss regolament. Dan l-artikolu għandu għalhekk jiġi inkorporat fir-Regolament, filwaqt li din id-Direttiva tista' biss, possibbilment, tirreferi għalih billi tipprovdi r-referenza rilevanti għar-Regolament fl-istess ħin.

Emenda 706
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi billi jżomm bażi tad-data pubblika ***ta' miżuri u programmi*** ta' prevenzjoni implimentati f'kull Stat Membri kif ukoll ***f'pajjiżi*** terzi.	(c) jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi ***inkluż*** billi jżomm bażi tad-data pubblika ***tal-miżuri u l-programmi*** ta' prevenzjoni implimentati f'kull Stat Membri kif ukoll ***fil-pajjiżi*** terzi.

Or. en

Emenda 707
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 5 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) joħroġ linji gwida għall-professjonisti tal-ewwel linja dwar kif jidentifikaw u jitrattaw il-vittmi tfal u l-vittmi tfal potenzjali ta' vjolenza sesswali, irrispettivament mill-proċedimenti kriminali, biex jiżguraw l-protezzjoni u s-salvagwardja tal-aħjar interessi tat-tfal.

Or. en

Emenda 708
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 5 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) joħroġ linji gwida għall-professjonisti tal-ewwel linja dwar kif jidentifikaw u jitrattaw il-vittmi tfal u l-vittmi tfal potenzjali ta' abbuż u sfruttament sesswali.

Or. en

Emenda 709
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 5 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) joħroġ linji gwida għall-professjonisti tal-ewwel linja dwar kif jidentifikaw u jittrattaw il-vittmi tfal u l-vittmi tfal potenzjali ta' abbuż u sfruttament sesswali.

Or. en

Emenda 710
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet elenkati fil-paragrafu ta' hawn fuq ikunu bbażati fuq

l-evidenza u jqisu l-manifestazzjonijiet li qed jevolvu tar-reati elenkati fid-Direttiva, inkluż online.

Or. en

Emenda 711
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet elenkati fil-paragrafu ta' hawn fuq ikunu bbażati fuq l-evidenza u jqisu l-manifestazzjonijiet li qed jevolvu tar-reati elenkati fid-Direttiva, inkluż online.

Or. en

Emenda 712
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 29 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Programmi jew miżuri ta' intervent ***fuq bażi volontarja*** matul jew wara proċedimenti kriminali	Programmi jew miżuri ta' intervent matul jew wara proċedimenti kriminali

Or. en

Emenda 713
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 29 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Programmi jew miżuri ta' intervent ***fuq bażi volontarja*** matul jew wara proċedimenti kriminali	Programmi jew miżuri ta' intervent matul jew wara proċedimenti kriminali

Or. en

Emenda 714
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 29 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni ***li ġejjin ikun jista'*** jkollhom aċċess għall-programmi jew il-miżuri ta' intervent ***imsemmijin*** fil-paragrafu 1***:***	3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni ***soġġetti għal proċedimenti kriminali għal kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9, taħt kundizzjonijiet li ma jkunux la għad-detriment u lanqas imorru kontra d-drittijiet tad-difiża jew ir-rekwiżiti ta' smigħ ġust u imparzjali, u, b'mod partikolari, b'konformità mal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza*** jkollhom aċċess għall-programmi jew il-miżuri ta' intervent ***imsemmija*** fil-paragrafu 1**.**

Or. en

Emenda 715
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 29 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ***l-persuni li ġejjin ikun jista' jkollhom aċċess għall-programmi jew il-miżuri ta' intervent imsemmijin fil-paragrafu 1:***	3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li

Or. en

Emenda 716
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) persuni soġġetti għal proċedimenti kriminali għal kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa 9 taħt kondizzjonijiet li ma jkunux la għad-detriment u lanqas imorru kontra d-drittijiet tad-difiża jew għar-rekwiżiti ta' smigħ ġust u parzjali, u b'mod partikolari b'konformità mal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza; u	***imħassar***

Or. en

Emenda 717
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***persuni*** soġġetti għal proċedimenti kriminali għal kwalunkwe mir-reati ***msemmijin*** fl-Artikoli 3 sa ***9 taħt kondizzjonijiet*** li ma jkunux la għad-detriment u lanqas imorru kontra d-drittijiet tad-difiża jew ***għar-rekwiżiti*** ta' smigħ ġust u ***parzjali, u*** b'mod partikolari b'konformità mal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza***; u***	(a) ***il-persuni*** soġġetti għal proċedimenti kriminali għal kwalunkwe ***wieħed*** mir-reati ***msemmija*** fl-Artikoli 3 sa ***9, taħt kundizzjonijiet*** li ma jkunux la għad-detriment u lanqas imorru kontra d-drittijiet tad-difiża jew ***ir-rekwiżiti*** ta' smigħ ġust u ***imparzjali, u,*** b'mod partikolari***,*** b'konformità mal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza ***jkollhom aċċess għall-programmi jew il-miżuri ta' intervent imsemmija fil-paragrafu 1.***

Or. en

Emenda 718
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) persuni kkundannati għal kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa 9 .	***imħassar***

Or. en

Emenda 719
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***persuni*** kkundannati għal kwalunkwe ***reat imsemmi*** fl-Artikoli 3 sa ***9*** .	(b) ***il-persuni*** kkundannati għal kwalunkwe ***wieħed mir-reati msemmija*** fl-Artikoli 3 sa ***9 jipparteċipaw fil-programmi jew il-miżuri ta' intervent imsemmija fil-paragrafu 1***.

Or. en

Emenda 720
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 29 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni misjuba ħatja tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 jipparteċipaw fil-programmi jew il-miżuri ta' intervent imsemmija fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 721
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 29 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu ***l-passi*** meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni ***msemmijin fil-paragrafu 3*** jkunu soġġetti għal stima tal-perikolu li jippreżentaw u ***tar-riskji*** possibbli ta' repetizzjoni ta' kwalunkwe mir-reati ***msemmijin*** fl-Artikoli 3 sa ***9*** , bil-għan li jiġu identifikati programmi jew miżuri adatti ta' intervent.	4. L-Istati Membri għandhom jieħdu ***l-miżuri*** meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni ***msemmija fil-paragrafi 3 u 4*** jkunu soġġetti għal stima tal-perikolu li jippreżentaw u ***tar- riskji*** possibbli ta' repetizzjoni ta' kwalunkwe ***wieħed*** mir-reati ***msemmija*** fl-Artikoli 3 sa ***9***, bil-għan li jiġu identifikati programmi jew miżuri adatti ta' intervent.

Or. en

Emenda 722
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada

Proposta għal direttiva
Artikolu 29 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***jagħtu l-kunsens tagħhom biex*** jipparteċipaw fil-programmi jew il-miżuri bl-għarfien sħiħ tal-fatti;	(b) ***jaqblu li*** jipparteċipaw fil-programmi jew il-miżuri bl-għarfien sħiħ tal-fatti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sostituzzjoni tal-formulazzjoni minħabba d-definizzjoni speċifika ta' kunsens għall-finijiet ta' din id-Direttiva fl-Artikolu 2.

Emenda 723
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi

Proposta għal direttiva

Artikolu 29 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jistgħu jirrifjutaw u, fil-każ ***ta' persuni*** kkundannati, ikunu mgħarrfa bil-konsegwenzi possibbli ta' tali rifjut.	(c) jistgħu jirrifjutaw u, fil-każ ***tal-persuni*** kkundannati, ikunu mgħarrfa bil-konsegwenzi possibbli ta' tali rifjut***, fejn dawk il-konsegwenzi jiġu rregolati mill-Istati Membri sabiex jiġi żgurat li l-kunsens mogħti jkun konformi mal-Artikolu 7 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data[39a]***.

[39a] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

Or. fr

Emenda 724
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 29 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jistgħu jirrifjutaw ***u, fil-każ ta' persuni kkundannati, ikunu mgħarrfa bil-konsegwenzi possibbli ta' tali rifjut.***	(c) jistgħu jirrifjutaw

Or. en

Emenda 725
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 29 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jinkoraġġixxu alternattivi għall-priġunerija qabel ma jikkunsidraw is-sanzjonijiet kriminali u d-detenzjoni, b'mod partikolari meta l-persuna kkundannata tkun taħt l-età ta' 18-il sena.

Or. en

Emenda 726
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 29 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Meta l-persuna kkundannata tkun taħt l-età ta' 18-il sena, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jinkoraġġixxu alternattivi għall-priġunerija qabel ma jikkunsidraw is-sanzjonijiet kriminali u d-detenzjoni.

Or. en

Emenda 727
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Miżuri kontra ***siti*** elettroniċi li ***jkollhom*** fihom jew li jxerrdu ***l-materjal*** ta' abbuż sesswali tat-tfal	Miżuri kontra ***s-siti*** elettroniċi li ***jkun*** fihom jew li jxerrdu ***materjal*** ta' abbuż sesswali tat-tfal ***u manwali ta' struzzjonijiet ta' kif għandu jitwettaq l-abbuż sesswali fuq it-tfal.***

Or. en

Emenda 728
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Miżuri kontra ***siti*** elettroniċi li ***jkollhom*** fihom jew li jxerrdu ***l-materjal*** ta' abbuż sesswali tat-tfal	Miżuri kontra ***s-siti*** elettroniċi li ***jkun*** fihom jew li jxerrdu ***materjal*** ta' abbuż sesswali tat-tfal ***u manwali ta' struzzjonijiet ta' kif għandu jitwettaq l-abbuż sesswali fuq it-tfal.***

Or. en

Emenda 729
François-Xavier Bellamy, Caterina Chinnici, Antonio López-Istúriz White, Javier Zarzalejos

Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Miżuri kontra ***siti*** elettroniċi li ***jkollhom*** fihom jew li jxerrdu ***l-materjal*** ta' abbuż sesswali tat-tfal	Miżuri kontra ***s-siti*** elettroniċi li ***jkun*** fihom jew li jxerrdu ***materjal*** ta' abbuż sesswali tat-tfal ***jew li jqiegħdu kontenut pornografiku għad-dispożizzjoni tat-tfal***

Or. en

Emenda 730
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi

Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw it-tneħħija ***ta' paġni*** web li jkun fihom jew li jxerrdu ***l-materjal*** ta' abbuż sesswali tat-tfal	1. ***F'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) ..../.... [li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal],*** l-

ospitati fit-territorju tagħhom u għandhom jimpenjaw ruħhom biex ***ineħħu*** tali paġni ospitati barra ***t-territorju*** tagħhom.	Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw it-tneħħija ***fil-pront tal-paġni*** web li jkun fihom jew li jxerrdu ***materjal*** ta' abbuż sesswali tat-tfal ospitati fit-territorju tagħhom u għandhom jimpenjaw ruħhom biex ***jottjenu t-tneħħija ta'*** tali paġni ospitati barra ***mit-territorju*** tagħhom.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Peress li l-kwistjoni hija ttrattata direttament mir-Regolament imsemmi, din ma tistax tkun is-suġġett ta' dispożizzjoni li tikkompeti li tirriżulta minn din id-Direttiva.

Emenda 731
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw it-tneħħija ***ta' paġni*** web li jkun fihom jew li jxerrdu ***l-materjal*** ta' abbuż sesswali tat-tfal ospitati fit-territorju tagħhom u għandhom jimpenjaw ruħhom biex ***ineħħu*** tali paġni ospitati barra ***t-territorju*** tagħhom.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw it-tneħħija ***fil-pront tal-paġni*** web li jkun fihom jew li jxerrdu ***materjal*** ta' abbuż sesswali tat-tfal**,** ospitati fit-territorju tagħhom u għandhom jimpenjaw ruħhom biex ***jottjenu it-tneħħija ta'*** tali paġni ospitati barra ***mit-territorju*** tagħhom. ***"Tneħħija fil-pront" tfisser li l-kontenut għandu jitneħħa fi żmien 24 siegħa minn meta jiġi nnotifikat.***

Or. en

Emenda 732
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw it-tneħħija ***ta' paġni*** web li jkun fihom jew li jxerrdu ***l-materjal*** ta' abbuż sesswali tat-tfal ospitati fit-territorju tagħhom u għandhom jimpenjaw ruħhom biex ***ineħħu*** tali paġni ospitati barra ***t-territorju*** tagħhom.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw it-tneħħija ***fil-pront[1a] tal-paġni*** web li jkun fihom jew li jxerrdu ***materjal*** ta' abbuż sesswali tat-tfal ospitati fit-territorju tagħhom u għandhom jimpenjaw ruħhom biex ***jottjenu it-tneħħija ta'*** tali paġni ospitati barra ***mit-territorju*** tagħhom.
	[1a] Għall-fini tal-paragrafu 1, "tneħħija fil-pront" tfisser li l-kontenut għandu jiġi mneħħi fi żmien 24 siegħa minn meta jiġi nnotifikat.

Or. en

Emenda 733
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi online li jonqsu milli jneħħu l-kontenut minnufih, kif deskritt fil-paragrafu 1, ikunu punibbli b'sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, li jistgħu jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali jew sanzjonijiet oħra, kif elenkati fl-Artikolu 14(1).

Or. en

Emenda 734
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi online li jonqsu milli jneħħu l-kontenut minnufih, kif deskritt fil-paragrafu 1, ikunu punibbli b'sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, li jistgħu jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali jew sanzjonijiet oħra, kif elenkati fl-Artikolu 14(1).

Or. en

Emenda 735
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-fornituri tas-servizzi online:
	(a) jipprovdu informazzjoni dwar is-servizzi ta' appoġġ nazzjonali kompetenti u l-mekkaniżmi ta' rapportar;
	(b) jirrapportaw lis-servizz kompetenti tal-protezzjoni tat-tfal kwalunkwe vittma minuri tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 li huma jkunu jafu dwarhom jew li jissuspettaw, in bona fide, li jkunu twettqu.

Or. en

Emenda 736
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-fornituri tas-servizzi online:
	(a) jipprovdu informazzjoni dwar is-servizzi ta' appoġġ nazzjonali kompetenti u l-mekkaniżmi ta' rapportar;
	(b) jirrapportaw lis-servizz kompetenti tal-protezzjoni tat-tfal kwalunkwe vittma minuri tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 li huma jkunu jafu dwarhom jew li jissuspettaw, in bona fide, li jkunu twettqu.

Or. en

Emenda 737
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi

Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri biex jimblukkaw l-aċċess għal paġni web li jkun fihom jew ixerrdu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal lejn utenti tal-Internet fit-territorju tagħhom. Dawn il-miżuri għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' proċeduri trasparenti u għandhom jagħtu salvagwardji adegwati, b'mod partikolari biex jiżguraw li r-restrizzjoni tkun limitata għal dak li hu neċessarju u proporzjonat, u li l-utenti jkunu infurmati bir-raġuni għal tali restrizzjoni. ***Dawn is-salvagwardji għandhom jinkludu wkoll il-possibbiltà ta' rimedju ġudizzjarju.***	2. ***F'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) ..../.... [li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal], l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri biex jimblukkaw, għall-utenti tal-Internet fit-territorju tagħhom, l-aċċess għall-paġni web li jkun fihom jew li jxerrdu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.*** L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri biex jimblukkaw l-aċċess għal paġni web li jkun fihom jew ixerrdu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal lejn utenti tal-Internet fit-territorju tagħhom. Dawn il-miżuri għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' proċeduri trasparenti u għandhom jagħtu salvagwardji adegwati, b'mod partikolari biex jiżguraw li r-restrizzjoni tkun limitata għal dak li hu neċessarju u proporzjonat, u li l-utenti jkunu infurmati bir-raġuni għal tali restrizzjoni.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Peress li l-kwistjoni hija ttrattata direttament mir-Regolament imsemmi, din ma tistax tkun is-suġġett ta' dispożizzjoni li tikkompeti li tirriżulta minn din id-Direttiva.

Emenda 738
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri biex jimblukkaw l-aċċess ***għal paġni*** web li jkun fihom jew ***ixerrdu*** materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***lejn utenti tal-Internet fit-territorju tagħhom***. Dawn il-miżuri għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' proċeduri trasparenti u għandhom jagħtu salvagwardji adegwati, b'mod partikolari biex jiżguraw li r-restrizzjoni tkun limitata għal dak li hu neċessarju u proporzjonat, u li l-utenti jkunu infurmati bir-raġuni għal tali restrizzjoni. Dawn is-salvagwardji għandhom jinkludu wkoll il-possibbiltà ta' rimedju ġudizzjarju.	2. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri biex ***fil-pront*** jimblukkaw***, għall-utenti tal-Internet fit-territorju tagħhom,*** l-aċċess ***għall-paġni*** web li jkun fihom jew ***li jxerrdu*** materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal. Dawn il-miżuri għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' proċeduri trasparenti u għandhom jagħtu salvagwardji adegwati, b'mod partikolari biex jiżguraw li r-restrizzjoni tkun limitata għal dak li hu neċessarju u proporzjonat, u li l-utenti jkunu infurmati bir-raġuni għal tali restrizzjoni. Dawn is-salvagwardji għandhom jinkludu wkoll il-possibbiltà ta' rimedju ġudizzjarju. ***Għall-fini tal-paragrafu 1, "tneħħija fil-pront" tfisser li l-kontenut għandu jiġi mblukkat fi żmien 24 siegħa minn meta jiġi nnotifikat.***

Or. en

Emenda 739
Moritz Körner

Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri biex jimblukkaw l-aċċess ***għal paġni*** web li jkun fihom jew ***ixerrdu*** materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***lejn***	2. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri biex jimblukkaw l-aċċess ***għall-paġni*** web li jkun fihom jew ***li jxerrdu*** materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***għall-***

utenti tal-Internet fit-territorju tagħhom. Dawn il-miżuri għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' proċeduri trasparenti u għandhom jagħtu salvagwardji adegwati, b'mod partikolari biex jiżguraw li r-restrizzjoni tkun limitata għal dak li hu neċessarju u proporzjonat, u li l-utenti jkunu infurmati bir-raġuni għal tali restrizzjoni. Dawn is-salvagwardji għandhom jinkludu wkoll il-possibbiltà ta' rimedju ġudizzjarju.	***utenti*** tal-Internet fit-territorju tagħhom ***waqt li tkun għaddejja t-tneħħija tal-paġni web skont il-paragrafu 1***. Dawn il-miżuri għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' proċeduri trasparenti u għandhom jagħtu salvagwardji adegwati, b'mod partikolari biex jiżguraw li r-restrizzjoni tkun limitata għal dak li hu neċessarju u proporzjonat, u li l-utenti jkunu infurmati bir-raġuni għal tali restrizzjoni. Dawn is-salvagwardji għandhom jinkludu wkoll il-possibbiltà ta' rimedju ġudizzjarju.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-imblukkar tal-aċċess għandu jseħħ biss waqt li tkun qed tiġi eżegwita t-tneħħija tal-paġna.

Emenda 740
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri biex jimblukkaw l-aċċess ***għal paġni*** web li jkun fihom jew ***ixerrdu*** materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***lejn utenti*** tal-Internet fit-territorju tagħhom. Dawn il-miżuri għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' proċeduri trasparenti u għandhom jagħtu salvagwardji adegwati, b'mod partikolari biex jiżguraw li r-restrizzjoni tkun limitata għal dak li hu neċessarju u proporzjonat, u li l-utenti jkunu infurmati bir-raġuni għal tali restrizzjoni. Dawn is-salvagwardji għandhom jinkludu wkoll il-possibbiltà ta' rimedju ġudizzjarju.	2. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri biex ***fil-pront[1a]*** jimblukkaw l-aċċess ***għall-paġni*** web li jkun fihom jew ***li jxerrdu*** materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***għall-utenti*** tal-Internet fit-territorju tagħhom. Dawn il-miżuri għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' proċeduri trasparenti u għandhom jagħtu salvagwardji adegwati, b'mod partikolari biex jiżguraw li r-restrizzjoni tkun limitata għal dak li hu neċessarju u proporzjonat, u li l-utenti jkunu infurmati bir-raġuni għal tali restrizzjoni. Dawn is-salvagwardji għandhom jinkludu wkoll il-possibbiltà ta' rimedju ġudizzjarju.
	[1a] Għall-fini tal-paragrafu 1, "tneħħija fil-pront" tfisser li l-kontenut għandu jiġi mblukkat fi żmien 24 siegħa minn meta jiġi nnotifikat.

Or. en

Emenda 741
Loucas Fourlas

Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1) L-Aġilità Teknoloġika fid-Detezzjoni tal-Materjal ta' Abbuż Sesswali tat-Tfal (CSAM) l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-użu ta' teknoloġiji avvanzati ta' detezzjoni, inklużi l-intelliġenza artifiċjali (IA) u għodod ta' tagħlim awtomatiku, biex jidentifikaw u jipprevjenu d-distribuzzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal f'ħin reali. Dawn l-għodod għandhom jiġu implimentati f'kollaborazzjoni mal-fornituri tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mal-liġijiet dwar il-privatezza u mal-istandards tal-protezzjoni tad-data. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jappoġġa lill-Istati Membri billi jipprovdi gwida dwar l-aħjar prattiki fl-użu tat-teknoloġija għad-detezzjoni u r-rapportar tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.

Or. en

Emenda 742
François-Xavier Bellamy, Caterina Chinnici, Antonio López-Istúriz White, Javier Zarzalejos

Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jimblukkaw l-aċċess għall-pjattaformi online u għall-fornituri tal-Internet li konxjament ixerrdu

kontenut pornografiku online b'tali mod li x'aktarx ikun hemm aċċess għalih mit-tfal.

Or. en

Emenda 743
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-għadd ta' każijiet kunsenswali skont l-Artikolu 10 li ġew irrapportati, iżda li mbagħad ma ġewx investigati jew ma saritx prosekuzzjoni fil-konfront tagħhom.

Or. en

Emenda 744
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera

Proposta għal direttiva
Artikolu 31 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Iċ-Ċentru tal-UE għandu jappoġġa lill-Istati Membri*** fil-ġbir tad-data ***msemmija*** fil-paragrafu 2, inkluż billi jippromwovi l-iżvilupp ta' standards volontarji komuni dwar l-unitajiet tal-għadd, ir-regoli tal-għadd, id-diżaggregazzjonijiet komuni, il-formati tar-rapportar, u dwar il-klassifikazzjoni ***ta' reati*** kriminali.	5. ***L-Istati Membri għandhom jirċievu appoġġ miċ-Ċentru tal-UE*** fil-ġbir tad-data ***msemmi*** fil-paragrafu 2, inkluż billi jippromwovi l-iżvilupp ta' standards volontarji komuni dwar l-unitajiet tal-għadd, ir-regoli tal-għadd, id-diżaggregazzjonijiet komuni, ***id-diżaggregazzjoni kostanti jew varjabbli,*** il-formati tar-rapportar, u dwar il-klassifikazzjoni ***tar-reati*** kriminali.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Huwa r-Regolament li għandu jistabbilixxi l-kompiti taċ-Ċentru. Għalhekk għandu jiġi

adottat abbozzar orjentat lejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, il-limiti ta' età differenti magħżula mill-Istati Membri (eż. l-età tal-kunsens, jew id-differenza fl-età tollerata bejn il-pari) ifissru li jekk l-istess att huwiex ikklassifikat bħala kriminali jvarja minn pajjiż għall-ieħor. Dan jista' jirriżulta f'inkonsistenzi bejn ir-riżultati (pereżempju, tfittxija fi stat wieħed għal atti mwettqa taħt l-età tal-kunsens tista' ma tkunx komparabbli ma' tfittxija fi stati fejn l-età tal-kunsens hija differenti).

Emenda 745
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi

Proposta għal direttiva
Artikolu 31 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri għandhom jibagħtu l-istatistika liċ-Ċentru tal-UE u lill-Kummissjoni u jagħmlu l-istatistika miġbura disponibbli għall-pubbliku fuq bażi annwali. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jiġbor l-istatistika u jagħmilha disponibbli għall-pubbliku. ***L-istatistika ma għandux ikun fiha data personali.***	6. L-Istati Membri għandhom ***jittrażmettu l-istatistika liċ-Ċentru tal-UE u lill-Kummissjoni (Eurostat) u fuq bażi annwali jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-istatistika miġbura. L-Istati Membri għandhom*** jibagħtu l-istatistika liċ-Ċentru tal-UE u lill-Kummissjoni u jagħmlu l-istatistika miġbura disponibbli għall-pubbliku fuq bażi annwali. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jiġbor l-istatistika u jagħmilha disponibbli għall-pubbliku.

Or. fr

Emenda 746
Assita Kanko

Proposta għal direttiva
Artikolu 32 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni ***għandha***, sa [5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ] u mbagħad kull 5 snin ***wara dan***, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva [fl-Istati Membri] ***u,*** jekk xieraq, tipproponi emendi.	Il-Kummissjoni, sa [5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ] u mbagħad kull 5 snin ***minn hemm 'il quddiem***, ***għandha*** tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva [fl-Istati Membri]***. Ir-rapporti għandhom janalizzaw, fost l-oħrajn, l-isforzi tal-Istati Membri u l-impatt tagħhom fil-ġlieda kontra l-abbuż***

sesswali tat-tfal. Jekk xieraq, ***il-Kummissjoni għandha*** tipproponi emendi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li l-Kummissjoni tiġi speċifikament obbligata tanalizza l-isforzi tal-Istati Membri u l-impatt tagħhom fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, peress li l-miżuri jvarjaw ħafna fost l-Istati Membri tal-UE.